MALTA FOOTBALL ASSOCIATION 6





KAMPJONAT PREMIER 22





SPORTMALTA 36





Nru. 103 **Ottubru 2015**


# SPORTIV






**Waterpolo**
Kwalifikazzjoni storika fil-Kampjonat Ewropew **34**

**Euro 2016**
Malta ttemm l-impenji tagħha b'telfa kontra l-Kroazja **18**

**MEUSAC**
Proġetti fil-Qasam tal-Isport **42**


**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport

# Agħżel L-Aqwa Servizz Għad-Dar Tiegħek

DIVERTIMENT TAL-AQWA KWALITÀ

DAWNLOWDS BLA LIMITU

TELEFONATI FISSI TAL-GO BLA LIMITU

MINUTI B'XEJN LEJN IL-MOWBAJL

## L-ewwel xahrejn B'XEJN
## GO Home Pack Interactive

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

GO
Limitless

Segwina   go.com.mt/homepack

# EDITORJAL

## Ottubru 2015



**Jesmond Moore**
*Editur*

Kif wieħed jista' jinnota, minn din l-edizzjoni, dan il-magażin sportiv ingħata "libsa" ġdida b'disinn ġdid fit-tentattiv li jkompli jogħla l-livell biex jitwassal il-messaġġ sportiv.

Intant, it-tmiem il-ġimgħa ta' Settembu u x-xahar ta' Ottubru kienu mimlija attivitajiet sportivi li fosthom spikkat il-kwalifikazzjoni storika tat-team nazzjonali tal-waterpolo għall-Fażi Finali tal-Kampjonat Ewropew li se ssir fis-Serbja, f'Jannar li ġej.

Min-naħa tiegħu, it-team nazzjonali tal-football, temm l-impenji tiegħu fir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 2016, b'wirja sodisfaċenti minkejja li ħareġ tellief bl-iskor ta' 1-0 kontra l-Kroazja.

Fil-Kampjonat Premier, Valletta qabżu waħedhom fil-quċċata tal-klassifika fejn kien hemm ukoll konfronti diretti mill-aktar interessanti u li ġabu magħhom bosta kontroversji.

Barra minn hekk, ingħata wkoll bidu għall-Kampjonati tad-diviżjonijiet inferjuri.

Dan kollu ssibuh ... fl-aqwa magażin sportiv...



**irbaħ €25 voucher ma'**

**TeamSporT®**

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Fejn se ssir il-Fażi Finali tal-Kampjonat Ewropew tal-waterpolo, f'Jannar li ġej?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2015:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41,**
**Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 102 hija:*
**Michael Mifsud skorja 40 goals għal Malta**

*Ir-rebbieħa hija:* Marthese Mifsud - Fgura











CAR | HOME | HEALTH | TRAVEL | BOAT | PET | WEDDING | BUSINESS

# TRUSTWORTHY INSURANCE PROTECTION

Award-Winning Service | 7 Day Claim Settlement

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for:
MAPFRE | MIDDLESEA

**Search**
Laferla Insurance

**Contact Us**
info@laferla.com.mt

Laferla Insurance Agency Limited (C-14529) is authorised as an agent for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) under the Insurance Business Act 1998 to carry out insurance business. Both companies are authorised by the Malta Financial Services Authority.

**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.

**103**

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900253
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Sales Persons**
Joseph Xuereb 9980 4283
Jason Giardina 9946 7037

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi
Christine Borg

**Cover**
Il-player Malti tal-waterpolo Michele Stellini fil-logħba kontra l-Polonja fir-round preliminari tal-Kampjonat Ewropew.
*(Ritratt: Christine Borg)*

SPORTIV huwa ppubblikat minn Union Print Co. Ltd - Marsa
**25900216**

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.






# Werrej

**33 MFA**
Introdott il-Family and Football Nursery Stand fl-Istadium Nazzjonali

**16 Euro 2016**
Il-Maltin jiddiżappuntaw

**18 Euro 2016**
Malta ttemm l-impenji tagħha b'lelfa minima

**20 Kampjonat Ewropew U21**
Il-Maltin isofru żewġ goals fl-aħħar kwarta wara li jispiċċaw b'10 players

**22 Kampjonat Premier**
Valletta jitilgħu waħedhom fl-ewwel post

**26 L-Ewwel Diviżjoni**
Taqtiegħa bejn ħames timijiet?

**27 It-Tieni Diviżjoni**
Irreġistrat l-ewwel hat-trick

**28 It-Tielet Diviżjoni**
Dingli S. iwaqqfu l-mixja ta' Mdina K.

**30 Youth FA**
"Iva niftakar il-gwerra ... kienu jinqatlu n-nies ...

**32 Snooker & Pool**
Staġun rekord għal Malta Eight Ball Federation

**34 Kampjonat Ewropew 2016 tal-Waterpolo**
Kwalifikazzjoni storika

**36 Sportmalta**
L-Isportivi jibbenefikaw mill-Budget 2016

**40 Gozo Sports**
Issir il-preżentazzjoni tar-rebbieħa taċ-ċikliżmu 2015

**42 Meusac**
Proġetti fil-Qasam tal-Isport b'Kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea

**44 Storja tal-Football Malti**
Annullata l-logħba Floriana v Hibs

mfa.com.mt




# Introdott il-Family and Football Nursery Stand fl-Istadium Nazzjonali

Il-Malta Football Association ħabbret li waqt tal-Kampjont tal-BOV Premier League li se jintlagħbu fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, sa tmiem l-istaġun, is-settur Millennium F inbidel f'Family & Football Nursery Stand'.

Din l-aħbar ingħatat fil-Kunsill tal-MFA mill-president tal-Assoċjazzjoni, Norman Darmanin Demajo. Huwa spjega kif se taħdem din l-inizjattiva li hi parti minn kampanja ta' promozzjoni relatata ma' 'Fan Engagment' u li se titħabbar dalwaqt.

Din l-inizjattiva se tingħata bidu wara s-suċċess tal-kampanja 'Reach Out' li kienet relatata mal-finali tal-Kampjonati Ewropej ta' Taħt is-17-il sena li saru f'Malta s-sena li għaddiet.

Il-kampanja 'Reach Out' kienet uriet li l-pubbliku Malti iħobb l-isport tal-futbol, u dan b'mod partikolari ż-żgħażagħ li lesti jipparteċipaw, anke jekk b'sempliċiment isegwu minn fuq l-istands. Dan ħareġ wara riżultati ta' stħarriġ ikkummissjonat mill-UEFA, b'kollaborazzjoni mal-MFA, dwar is-sitwazzjoni tal-futbol Malti.

L-inizjattiva hi wkoll maħsuba biex tħajjar u tressaq spettaturi ġodda lejn il-logħba tal-futbol lokali u biex nipprovaw inrawmu kultura ġdida fejn l-ispettaturi jattendu biex apparti milli jagħtu sostenn lit-tim favorit tagħhom, jieħdu gost f'esperjenza u atmosfera ġdida flimkien ma' oħrajn.

Hu maħsub ukoll li din iż-żona tal-istadium tibda tiġi żviluppata aktar 'il quddiem biex tagħti alternattivi għall-membri kollha tal-familja.

Millennium F se tinfetaħ għall-partiti mill-kompetizzjonijiet domestiċi kollha fl-Istadium Nazzjonali u dan biex aktar familji u tfal igawdu minn inizjattiva li tressaqhom lejn il-logħba tal-futbol biex mill-viċin isegwu l-idoli tagħhom.

Is-settur hu miftuħ għall-familji newtrali li jħobbu jsegwu l-futbol flimkien mat-tfal tagħhom u għall-gruppi organizzati ta' tfal Taħt it-12-il sena li jkunu jridu jsegwu l-partiti mill-ogħla livell tal-futbol Malti.

Il-prezz ta' Millennium F hu imraħħas b'50% u b'hekk l-adulti jew anzjani akkumpanjati minn tfal ta' Taħt it-12-il sena jistgħu jidħlu fis-settur għall-prezz ta' €3.50 l-adulti, Anzjani €2 u tfal taħt it-12-il sena jħallsu €0.50. Adulti mhux fil-preżenza tat-tfal jistgħu joqogħdu f'dan is-settur newtrali fejn id-dħul ikun bi prezz normali.

Dawk in-nurseries li jorganizzaw grupp ta' 20 plejer u amministratur magħhom se jiddaħħlu b'xejn fl-istess settur tal-Istadium filwaqt li fl-istess parti se jkun hemm aċċess għal dawk kollha li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti. Ir-rikjesta għall-biljetti tad-dħul għal dawn iż-żewġ kategoriji għandha ssir lill-Match Operations Department tal-MFA fuq l-indirizz elettroniku matchoperations@mfa.com.mt.

# L-Ambaxxatur Ray Azzopardi jżur lill-plejers Maltin ta' Taħt il-21 sena fil-Belġju

L-Ambaxxatur ta' Malta għall-Belġju, l-Eċċellenza Tiegħu Ray Azzopardi, għamel żjara lit-tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena waqt li dan kien fil-Belġju għal-logħba mill-Kampjonat Ewropew. Il-logħba kienet mill-fażi ta' kwalifikazzjoni.

L-Ambaxxatur Azzopardi żar lill-players Maltin fil-lukanda fejn kienu alloġġati.

Huwa feraħ lit-tim Malti għall-wirjiet u r-riżultati li kiseb fl-erba' logħbiet li lagħab barra minn Malta u awguralhom għal-logħba kontra l-Belġju.

Il captain Ryan Camenzuli introduċa lill-players Maltin lill-Ambaxxatur Azzopardi.

It-tim Malti tilef il-logħba fil-Belġju 2-0 u ż-żewġ goals ġew skorjati fl-aħħar kwarta meta t-tim Malti kellu player imkeċċi.

It-tim Malti meta lagħab ħames logħbiet away kiseb ħames punti u bħalissa għadu jokkupa t-tieni post fil-grupp wara l-Belġju li għandhom punti massimi minn tliet logħbiet.

Jekk mill-ħames logħbiet, li t-tim Malti jonqsu jilgħab f'pajjiżna, jikseb tal-inqas punt ikun għamel rekord ta' rebħ ta' punti f'din il-kompetizzjoni.



L-Ambaxxatur ta' Malta għall-Belġju, l-Eċċellenza Tiegħu Ray Azzopardi waqt iż-żjara lit-tim nazzjonali ta' Taħt il-21 sena.



# Tliet telfiet għat-tim Under 17 fil-Finlandja

It-tim nazzjonali ta' Taħt is-17-il sena sofra tliet telfiet minn tliet logħbiet waqt ir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew, minn Grupp 3.

It-tim Malti mmexxi minn Sergio Soldano tilef 5-1 kontra l-Isvezja, 6-0 kontra r-Repubblika Ċeka u 4-2 kontra t-team ospitu tal-Finlandja.

Kontra l-Finlandja, il-goals ta' Malta waslu minn Neil Fendo u Omar Elouni b'dan tal-aħħar jiskorja wkoll l-uniku għal fit-telfa kontra l-Isvezja.

Il-players li l-coach Sergio Soldano kellu għad-dispożizzjoni kienu:

Craig Abdilla (Pieta Hotspur), Gianluca Bugeja (Rabat Ajax), Jan Busuttil (Pieta Hotspur), Jeremy Busuttil (Hamrun Spartans), Gary Camilleri (Balzan), Neil Cutajar (Kirkop Utd), Omar Elouni (Sliema Wanderers), Nichoals Farrugia (Birkirkara), Neil Frendo (Mosta), Kyle Gatt (Mosta), Jurgen Grech (Mosta), Zachary Karl Grech (Pembroke A.), Owen Magro (Hibernians), Miguel Mifsud (Sliema Wanderers), Lyden Moore (Hamrun Spartans), Clivert Sciberras (Valletta), Kurt Shaw (Sliema Wanderers), Andrei Spiteri (Hibernians)



Il-formazzjoni inizjali tat-tim Malti




# Il-FIFA Live Your Goals kienet inizjattiva ta' suċċess

Il-FIFA Live Your Goals Under 11 Festival li kien introdott l-istaġun l-ieħor taħt l-awspiċi tal-FIFA kienet inizjattiva ta' suċċess b'ħafna klabbs jieħdu sehem fil-festival.

Kienet esperjenza pożittiva għax l-interess fil-logħba tan-nisa f'dan il-festival kiber u issa hemm 200 tfajla fi 13-il tim.

Il-klabbs parteċipanti ingħataw sett ta' blalen u xbieki skond in-numru ta' timijiet li ħadu sehem f'dan il-festival. Din il-preżentazzjoni saret waqt il-mistrieħ tas-Super Cup tan-Nisa bejn Hibernians u Birkirkara.

Il-festivals Live Your Goals saru kull ġimagħtejn mill-bniet tal-MFA, bejn il-5 snin u 11-il sena, biex titkabbar il-parteċipazzjoni fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa waqt li tejbet is-set up għas-snin li ġejjin.

> "il-proġett hu pass fundamentali bil-ħsieb li jtejjeb il-livell u l-moviment fil-futbol tan-Nisa"

Il-players bniet iridu ispirazzjoni mill-players akbar u għalhekk hu important li tiġi kkonservata l-immaġini tal-futbol tan-Nisa.

L-MFA temmen u qed taħdem f'dan il-proġett għaliex hu pass fundamentali bil-ħsieb li ttejjeb il-livell u l-immaġini tal-moviment. L-iskop ta' din il-preżentazzjoni kienet li tinkoraġixxi li tattira u taħdem ma' bniet bejn il 5 snin u 11-il sena għaliex dak hu l-perjodu fejn il-bniet ikunu inkoraġġiti għal basic skills tal-logħba.

Il-miri tal-viżjoni tal-MFA hija wkoll fil-coaching bil-ħsieb li jkun hemm coaches nisa kwalifikati fil-livell ta' grassroots.

L-MFA tixtieq turi l-apprezzament lejn il-klabbs li kkoperaw matul il-festival waqt li wrew l-appoġġ tagħhom għall-missjoni tal-MFA li jkun hemm żieda ta' bniet fuq il-livell tal-grassroots u jħarsu 'il quddiem lejn żieda ta' parteċipazzjoni akbar fl-istaġuni li ġej.



# Draw u rebħa għat-tim nazzjonali tan-Nisa f'Tallinn





It tim nazzjonali Malti tan-nisa, kiseb żewġ riżultati pożittivi f'logħbiet ta' ħbiberija li lagħab kontra l-Estonja, f'Tallin, dan ix-xahar. L-ewwel logħba spiċċat fi draw 1-1 filwaqt li fit-tieni waħda, il-Maltin ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-0.

Fl-ewwel logħba, it-tim immexxi minn Mark Gatt skorja l-goal tad-draw minn penalty mogħti minn Ylenia Carabott fit-52 minuta wara li kienu l-Estonja li marru fil-vantaġġ permezz ta' Siogny Aarna fil-35 minuta.

It-tim Malti lagħab b'din il-formazzjoni:

Janice Xuereb, Alishia Sultana, Jade Flask (Kim Parnis 87), Charlene Zammit, Stephania Farrugia, Shona Zammit, Antoinette Sammut, Brenda Borg, Emma Xuereb (Martina Borg 46), Rachel Cuschieri (Gabriella Zahra 80), Ylenia Carabott (Dorianne Theuma 72).

L-uffiċjal f'din l-ewwel logħba kienet ir-referee internazzjonali, Esther Azzopardi.

## Rebħa ta' 3-0

Fit-tieni logħba, il-Maltin kienu superjuri f'kull dipartiment billi rebħu l-inizjattiva tul il-logħba kollha.

Deher biċ-ċar li dawn it-tfajliet fit-tim nazzjonali qed ikollhom wirja aqwa minn oħra b'logħob meqjus u intelliġenti.

Martina Borg fetħet l-iskor għal Malta fl-24 minuta.

Fit-tieni taqsima, il-Maltin żiedu l-isforzi tagħhom u ġew ippremjati b'żewġ goals oħra mingħajr risposta, li waslu minn Brenda Borg fid-49 minuta u Stephania Farrugia fid-69 minuta.

Fit-tieni logħba t-tim Malti lagħab b'din il-formazzjoni:

Janice Xuereb, Stephania Farrugia, Ylenia Carabott (Dorianne Theuma 45), Rachel Cuschieri, Martina Borg, Alishia Sultana (Kim Parnis 70), Antoinette Sammut (Mandy Debono 72), Charlene Zammit (Gabriella Zahra 85), Jade Flask (Ann Marie Said 82), Shona Zammit, Brenda Borg (Emma Xuereb 83).

L-istaff tekniku kien jinkludi wkoll lill-assistant coach Frank Schembri, lill-coach tal-goalkeepers Roger Camilleri filwaqt li kit manager kienet Jacqueline Ellul.

It-team mediku kien ifformat mit-tabiba Alice Moore u mill-fiżjoterapista Elaine Zammit.

Id-delegat tat-team kien Mauro Miceli (Swieqi U. FC) filwaqt li l-kap tal-kontinġent kien id-Direttur Tekniku tal-football tan-Nisa, Pierre Brincat.

# Shaun Camilleri jippreżenta studju dwar il-finanzjament tal-klabbs lokali



Shaun Camilleri jippreżenta l-ktieb lill-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo

Shaun Camilleri, il-viċi president ta' Zurrieq FC u delegat, għamel stħarriġ bil-ħsieb li jifhem aħjar il-ħtiġijiet tal-klabbs tal-futbol biex ikunu identifikati l-mottivi wara t-tibdil li sar dan l-aħħar fir-rigward tar-regolamenti tal-finanzjament tal-klabbs lokali tal-futbol u biex jidentifika l-implikazzjonijiet u r-reazzjonijiet għal dan it-tibdil.

L-istħarriġ kien ippreżentat fi ktieb lill-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

F'attentat biex jindirizza l-obbjettivi tal-istudju, ġew intervistati 14-il rappreżentanti ta' klabbs li daħlu fil-paramentri ta' dawn l-emendi. Saret ukoll intervista kumplessiva ma' membru tal-istaff tal-MFA li skond l-awtur kien it-tieni obbjettiv ta' dan l-istudju.

F'dan l-istudju issugerixxa li l-iskop ewlieni ta' dawn l-emendi kien li aktar klabbs lokali japplikaw għal-liċenzja tal-UEFA.

L-MFA daħħlet dawn ir-regoli b'xi eċċezzjonijiet fosthom dik li l-klabbs ma jonfqux daqs kemm idaħħlu. Ħafna mill-proviżjonijiet ntlaqgħu tajjeb imma kien hemm diskussjonijiet kontrastanti dwar il-mod kif dawn ikunu applikabbli fix-xenarju lokali.

L-istudju ta' Camilleri juri li dak li skopra dwar dawn ir-regoli hemm ċaqliq favur tmexxija aktar serja u tmexxija aktar professjonali li ntlaqgħet mill-maġġoranza fost dawk intervistati.

L-emendi fir-regoli tal-finanzjament tal-klabbs għandha l-abbiltá li tibda era ġdida fil-futbol lokali għaliex il-mixja lejn li jkollna futbol professjonali jġib numru ta' implikazzjonijiet benefiċjarji.

# Futsal: Żewġ rebħiet għal Malta f'San Marino




It-tim nazzjonali Malti tal-Futsal, li kien immexxi għall-ewwel darba mill- kowċ Peter Pullicino, kiseb żewġ rebħiet fiż-żewġ partiti ta' ħbiberija li lagħab kontra San Marino, f'San Marino stess.

Iż-żewġ rebħiet kienu bi skors ta' 5-1 u 5-3 rispettivament.

Il-Maltin kienu l-aħjar tim u żgur li ma serqu xejn mir-riżultati li kisbu fiż-żewġ partiti.

Dawn il-partiti ntlagħbu bi tħejjija għal-logħbiet li t-tim nazzjonali tal-Futsal kellu mill-gruppi preliminari tat-Tazza tad-Dinja 2016 fl-aħħar ġimgħa ta' dan ix-xahar li sakemm morna għall-istampa ma kellniex ir-riżultati.

Malta lagħbet fi Grupp C kontra Franza, il-Litwanja u l-Albanija liema mini-tournament kwadrangulari ntlagħab fil-Litwanja.






# 25 parteċipant jibdew jattendu l-kors UEFA B

Total ta' 25 parteċipant bdew jieħdu sehem fil-kors għal-liċenzja UEFA B organizzat miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA.

Il-kandidati se jattendu kors ta' sessjonijiet orali u prattiċi għas-sitt xhur li ġejjin fejn se jiġu ppreparati bil-kurrikulu tal-UEFA.

Permezz ta' din it-tip ta' liċenzja l-kowċis jistgħu jħarrġu timijiet tal-Youths u kif ukoll skwadri fil-livell tal-kbar sal-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni.

Fuq l-istess nota fil-bidu ta' Ottubru ċ-Ċentru Tekniku beda kors fil-kategorija National C li qed jattendu għalih 40 parteċipant li 12 minnhom ġejjin minn Għawdex.

Grazzi għar-relazzjoni tajba ħafna li teżisti bejn iċ-Ċentru Tekniku u l-Gozo FA, il-parteċipazzjoni tal-kowċis Għawdxin hija waħda pożittiva ħafna. Għal dan il-kors qed jattendu wkoll mhux inqas minn sitt plejers tat-tim nazzjonjali u eks plejers ukoll. L-investiment fl-edukazzjoni għandu jgħin biex ikompli jgħolli l-livell tal-logħba Maltija.




# Victor Scerri jżur lit-tim nazzjonali

It-tim nazzjonali Malti kellu żjara ħelwa ta' bla ħsieb u ta' ftit minuti minn Victor Scerri, l-eks coach tat-tim nazzjonali Malti.

Is-Sur Scerri segwa t-taħriġ tat-tim nazzjonali taħt il-gwida ta' Pietro Ghedin, u sab il-ħin biex jiltaqa' ma' Tony Gambin, il-masseur 'veteran' tal-iskwadra li hu l-uniku wieħed li fadal mit tim nazzjonali ta' żmienu.

Is-Sur Scerri iltaqa' wkoll ma' Charles Sciberras, il-coach tal-gowlkipers tat-tim nazzjonali, li fi kliem Sciberras stess, kien l-ewwel coach li kellu fil-karriera tiegħu ta' plejer.

Fil-ftit ħin li dam isegwi t-taħriġ tat-tim nazzjonali, Scerri sab il-ħin biex jirrakkonta stejjer ta' żmienu li jġibu tbissima jew dieqa fuq fomm min ikun qiegħed jisimgħu.

Jispikkaw żewġ partiti partikolari li jiftakar fil-karriera tiegħu ta' meta kien plejer u anki coach - l-ewwel partita internazzjonali kontra l-Awstrija fl-24 ta' Frar 1957, telfa ta' 3-2, u l-partita li għadha kontroversjali u misterjuża sal-lum kontra Spanja bl-iskor ta' 12-1, fil-21 ta' Diċembru 1983.

Victor Scerri kien coach nazzjonali ta' Malta għal ftit ġimgħat, bejn it-28 ta' Settembru 1973 u l-11 ta' Novembru 1973. Iżda mbagħad kellu kważi ħames snin oħra bejn it-28 ta' Ottubru 1978 u l-21 ta' Diċembru 1983.

Taħt il-gwida tiegħu, it-tim nazzjonali lagħab 29 partita, rebaħ ħamsa, ġie draw fi tlieta, u tilef 21 partita. Ukoll taħt il-gwida tiegħu, it-tim nazzjonali skorja 18-il gowl u sofra 93 gowl.

Kemm dam fit-tmexxija tat-tim nazzjonali Malti, Scerri rnexxielu jakkwista total ta' 13-il punt.

# Intervista ma' Jude Amin Utulu
# Referi tal-FIFA Beach Soccer

**Jude Amin Utulu, referí internazzjonali tal-Beach Soccer, qiegħed jagħmel isem għal Malta bis-saħħa tal-parteċipazzjonijiet u l-prestazzjonijiet pożittivi tiegħu fl-aqwa turnaments Ewropej u mondjali ta' dan l-isport.**







Ir-referee internazzjonali tal-Beach Soccer, Jude Amin Utulu waqt logħbiet u prestazzjonijiet prestiġjużi

**Kif bdiet il-passjoni tiegħek lejn il-Beach Soccer?**

Il-passjoni tiegħi lejn dan l-isport bdiet fl-2012 meta l-FIFA organizzat l-ewwel kors għar-referís tal-Beach Soccer f'Malta, li kien immexxi mill-FIFA Instructor Stephan Fassler mill-Svizzera. Waqt dan il-kors ipparteċipajt f'turnament u rnexxieli nintgħażel biex inkun referí fil-finali. Minn hemm ma ħaristx lura u nista' ngħid li dak kien il-bidu tiegħi f'dan l-isport.

**X'wasslek biex issir referí?**

L-irwol ta' referí kien beda jinteressani fis-sena 2004 wara li bħala plejer sfajt imkeċċi waqt tournament tal-lukandi. Wara l-logħba mort niddiskuti mar-referí u ħassejt interess lejn dan l-irwol. Ingħatajt id-dettalji meħtieġa u wara ftit applikajt sabiex insir referí tal-MFA.

**Kif tfisser l-esperjenza tiegħek bħala wieħed mill-aqwa referís tal-Beach Soccer fid-dinja?**

Esperjenza mill-isbaħ li minnha tgħallimt ħafna. Nista' biss nirringrazzja lil Alla tal-opportunitajiet li qiegħed ikolli. Tkun minn pajjiż żgħir bħal Malta mingħajr kampjonat jew tim nazzjonali u xorta tkun ikkunsidrat fost l-aqwa referís fid-dinja f'dan l-isport hija xi ħaġa indeskrivibbli. Sodisfatt ferm li ninsab fl-istess livell ta' referís minn pajjizi bħal Franza, l-Italja, Spanja, l-Olanda, il-Portugall, il-Ġermanja u l-Isvizzera.

**Liema huma l-iżjed esperjenzi li jispikkaw fil-karriera tiegħek?**

Naħseb l-isbaħ esperjenza u anki forsi l-iżjed impenjattiva li kelli kienet dik ġewwa Baku, fl-Azerbaijan, f'Ġunju li għadda, fejn kont referí waqt l-ewwel edizzjoni tal-European Games. Nibqa' niftakar il-fatt li ħafna mill-kollegi tiegħi xtaqu li nkun appuntat fl-istess partiti tagħhom minħabba l-fatt li kien qed ikolli prestazzjonijiet pożittivi ħafna. Kont referí f'partiti importanti, fosthom is-semi-finali bejn ir-Russja u l-Portugall u kont anki t-tielet referí fil-finali bejn ir-Russja u l-Italja.

**Kellek ix-xorti tirreffja fil-Euro Winners Cup, ekwivalenti għaċ-Champions League tal-futbol, ġewwa Katanja. Kemm kienet ta' importanza għalik?**

Il-Euro Winners Cup kien l-ewwel impenn tiegħi din is-sena. Dan huwa tournament prestiġjuż ħafna għall-aqwa klabbs Ewropej u kelli x-xorti li niġi appuntat bħala t-tieni referí fil-finali prestiġjuża bejn BSC Kristall (Russja) u DomusBet BS Catania (Italja), li ntrebħet mir-Russi bl-iskor ta' 6-2.



**Xi tgħid dwar il-parteċipazzjoni tiegħek fil-Logħob tal-Mediterran ġewwa Pescara?**

Pescara kienet parteċipazzjoni importanti ħafna għalija. Irnexxieli għal darb'oħra nirreffja semi-finali ta' tournament prestiġjuz. Barra minn hekk, kien impenn li għallimni hafna nemmen fija nnifsi u mingħajr dubju kien importanti għall-izvilupp tiegħi, kemm bħala referi kif ukoll bhala persuna barra l-logħob.

**Wara l-parteċipazzjoni tiegħek f'dawn it-tournaments prestiġjużi, x'inhuma l-obbjettivi tiegħek għall-futur?**

Il-pjan tiegħi huwa li nibqa' naħdem bl istil tiegħi u b'determinazzjoni kbira sabiex ikolli aktar opportunitajiet li nirrappreżenta lil Malta u nuri li minkejja ċ-ċokon ta' pajjiżna, fl-isport aħna kapaċi naslu fejn jaslu pajjiżi akbar minna.

L-għan tiegħi huwa li nkun parti mit-Tazza tad-Dinja ġewwa l-Bahamas, sentejn oħra. Barra minn hekk, nixtieq li nkun l-aqwa referi fid-Dinja. Il-motto tiegħi huwa li bis-saħħa t'Alla kollox huwa possibbli, għalhekk jien nibqa' nirsisti sabiex nasal sal-quċċata.









# Appuntament fil-UEFA Futsal Cup għar-referi Franco Cachia

Ir-referi internazzjonali tal-Futsal Franco Cachia kien impenjat ġewwa s-Slovenja fejn huwa kien involut fil-partiti minn Grupp B tal-UEFA Futsal Cup, kompetizzjoni ekwivalenti għaċ Champions League tal futbol. F'dan il-Grupp kien hemm il-kalibru tal-Portugiżi ta' Benfica fejn ir-referi Cachia irreffja l-partiti tagħhom kollha, li ntlagħbu kollha ġewwa l-iSporthall, Potcedrek.

L-ewwel konfront li rreffja kien dak bejn Benfica u MNK Centar Sarajevo tal-Bosnja, b'tal-ewwel joħorġu rebbieħa bl-skor kbir ta' 8-2, konfront li ntlagħab, fit-30 ta' Settembru. Fl-1 ta' Ottubru, huwa rreffja t-tieni partita tal-Portugiżi meta, fil-kumpless msemmi, huma għelbu lill-Bulgari ta' FC Grand Pro Varna, għal darb'oħra bi skor kbir ta' 9-2. Jumejn wara, Franco Cachia għalaq l-impenji tiegħu bil partita bejn Benfica u l Sloveni ta' KMN Dobovec fejn il-Portugiżi għat-tielet logħba konsekuttiva ma sabux reżistenza u għelbu lill-avversarji bl-skor ta' 6-1.

Minn barra dawn il-logħbiet, ir-referi Cachia kien involut f'żewġ partiti oħra fl-irwol tat-tielet referi. Il-partiti kienu Dobovec kontra Varna (9-2) tat-30 ta' Settembru, filwaqt li l-konfront l-ieħor kien bejn Sarajevo u Varna (5-6) fit-3 ta' Ottubru.








# Kalendarju impenjattiv għal Esther Azzopardi

Ir-referi Maltija fuq il-Panel tal-FIFA Esther Azzopardi kellha kalendarju impenjattiv ħafna fl-aħħar ġimgħat, fejn ikkontrollat għadd ta' partiti fix-xena internazzjonali.

L-ewwel appuntament tagħha kien, fis-17 ta' Settembru, meta ġewwa l-Kazim Karabekir Stadium f'Erzurum, fit-Turkija, hija rreffjat il-partita ta' kwalifikazzjoni għall-UEFA Women's Euro Championships 2017 bejn it-Turkija u l-Kroazja mirbuħa mill-Kroati bl-skor ta' 4-1. L-assistenti referis tagħha kienu Angela Kyriakou minn Ċipru u May Moalem mill-Iżrael, filwaqt li t-Torka Deybet Gok kienet ir-raba' uffiċjal.

Fit-8 ta' Ottubru, kien imiss partita mill-UEFA Women's Champions League fejn hija rreffjat il-partita bejn ir-Rumeni tal-Olimpia Cluj u l-ġganti Franċiżi ta' Paris Saint-Germain, konfront mirbuħ b'mod konvinċenti mill-Franċiżi bl-iskor ta' 6-0. Jassistuha f'dan il-konfront kien hemm iċ-Ċiprijotta Angela Kryiakou u l-Maċedona Biljana Atanasovski filwaqt li Andra Hiticas mir-Rumanija kienet ir-raba' uffiċjal.

L-aħħar impenn tagħha kien, fit-13 ta' Ottubru, meta ġewwa l-iSportland Arena ta' Talinn, fl-Estonja, hija rreffjat il-partita ta' ħbiberija bejn it-timijiet nazzjonali femminili tal-Estonja u ta' Malta rispettivament. Dan il-konfront intemm fid-draw ta' 1-1 bil-Maltin jiksbu d-draw permezz ta' penalty minn Ylenia Carabott fit-tieni taqsima. Iż-żewġ assistenti referis internazzjonali mill-Estonja Triinu Laos u Anni Rahula assistew lil Esther Azzopardi b'Reelika Turi, li hija wkoll referi fuq il-Panel tal-FIFA mill-Estonja, tkun ir-raba' uffiċjal.

# Adrian Azzopardi jirreffja partita mill-UEFA Youth League fil-Greċja



Ir-referi internazzjonali Malti Adrian Azzopardi kien impenjat fil-kompetizzjoni tal-UEFA Youth League fejn fis-16 ta' Settembru huwa rreffja l-ewwel partita minn Grupp F bejn il-Griegi ta' Olympiakos u l-Ġermaniżi ta' Bayern Munich ġewwa l-belt ta' Piraeus, fil-Greċja.

Din il-partita kienet sorprendentement mirbuħa mill-Griegi bl-skor minimu ta' 1-0, gowl minn penalty li ġie msaffar minn Adrian Azzopardi wara senjalazzjoni ta' Mitchell Scerri lejn tmiem dan il-konfront, preċiżament fit-82 minuta.

Għal din il-partita, Adrian Azzopardi kien megħjun mill-kompatrijotti Maltin Mitchell Scerri u William Debattista bħala assistenti referis, bir-raba' uffiċjali jkun il-Grieg Christos Andronikidis.

Christoforos Zografos (Greċja) kien l-osservatur tar-referis, filwaqt li Denis Bastari (Albanija) kien id-Delegat tal-partita.




# Pre-Season seminar għar-referis tal-Futsal lokali ġewwa Sqallija

Ir-referis tal-Futsal lokali kellhom l-opportunitá li jqattgħu tlitt ijiem flimkien ġewwa Nicolosi fi Sqallija, f'seminar organizzat proprju mid-Dipartiment tar-Refereeing fi ħdan l-MFA, bejn it-18 u l-20 ta' Settembru. Ipparteċipaw f'dan il-kors, 14-il referi u tliet osservaturi tar-referis u bla dubju ta' xejn din l-esperjenza se tkun qegħda sservihom bħala referenza importanti u ta' stimolu għall-futur tagħhom.

Din kienet l-ewwel darba li parti mit-taħriġ tal-pre-season tar-referis tal-Futsal sar barra minn xtutna u dan huwa frott il-ħidma tad-Dipartiment tar-Refereeing li dejjem mexa fuq il-prinċipju li r-referis jiżviluppaw iżjed meta jkollhom opportunitajiet barra minn xtutna.

Rikonoxxut bħala wieħed mill-iżjed personalitajiet awtorevoli fid-dinja tal-Futsal u li huwa wkoll iċ-Chairman tar-Referis tal-Futsal Taljan fost il-karigi li jokkupa, Massimo Cumbo kien l-instructor ewlieni f'dan il-kors.

Gjergji Bitri u Stephen Mallia flimkien ma' Adrian Caruana kienu l-persuni inkarigati sabiex iżidu mal-preżentazzjonijiet ta' Massimo Cumbo.



Ir-referis tal-Futsal waqt is-seminar fi Sqallija



L-għan tas-seminar kien li jipprovdi lill-parteċipanti tagħrif siewi rigward temi importanti bħall-personalitá tar-referi, il-qari tal-logħba, il-pożizzjoni adattata, il-ħidma kollettiva, il-kommunikazzjoni u l-istruzzjonijiet ta' qabel il-partita. Barra minn hekk, ir-referis tal-Futsal ġew anki assessjati fuq il-Laws of the Game u l-użu tal-lingwa Ingliża.



# Il-Maltin jiddiżappuntaw

Fl-aħħar partita barra minn darna mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 2016, Malta sfat megħluba bl-iskor ta' 2-0 kontra n-Norveġja biex b'din ir-rebħa dawn tal-aħħar kienu għadhom qed jittamaw għall-kwalifikazzjoni tal-Fażi Finali li se ssir f'Ġunju li ġej, fi Franza.

Fil-veritá ma tantx hemm wieħed xi jgħid fuq din il-partita hekk kif in-Norveġiżi ħadu dak li riedu bil-Maltin jiddiżappuntaw speċjalment fit-tieni taqsima li bħal donnhom dehru diżorjentati wisq fejn ġie ndirizzat xutt wieħed biss lejn il-lasta avversarja matul il-logħba kollha.

In-Norveġiżi mill-ewwel urew l-intenzjonijiet tagħhom hekk kif ħarġu fuq l-offensiva u proprju fl-ewwel minuta kienu perikolużi meta Per Ciljan Skjelbred xeħet cross fil-kaxxa iżda Steve Borg xeħet f'corner.

Fil-11-il minuta, in-Norveġiżi ħarbu bil-kontrattakk iżda Markus Henriksen sab lill-goalkeeper Malti, Andrew Hogg attent.

Erba' minuti wara, kien Even Hovlen li resaq viċin minn azzjoni ta' corner meta t-tentattiv tiegħu għadda jħakkek mal-wieqfa.

Fis-17-il minuta, kien Alex Muscat li salva goal ċert billi nnewtralizza f'corner d-daqqa ta' ras ta' Alexander Soderlund mill-cross ta' Markus Henriksen.

Iżda mill-istess corner, in-Norveġiżi fetħu l-iskor meta l-ballun waqa' għand ALEXANDER TETTEY li minn taħt il-lasta fajjar xutt li Hogg laqa' parzjalment biex il-ballun reġa' ħabat mal-attakkant Norveġiż u spiċċa fix-xibka.

Fil-35 minuta, Andrew Hogg kien providenzjali li minkejja li l-viżjoni tiegħu kienet ostakolata minn Zach Muscat, laqa' b'diffikultá kbira x-xutt ta' Per Ciljan Skjelbred minn 30 metru bogħod.

Żewġ minuti minn tmiem l-ewwel taqsima wasal l-ewwel attakk Malti meta Alfred Effiong ġiegħel lill goalkeeper avversarju Nyland Haskjold idawwar f'corner bi tbatija.

Eżatt mal-45 minuta, Hogg salva goal ċert fuq daqqa ta' ras ta' Jo Inge Berget li kienet destinata għal ġox-xibka.



**Bjorn Kristensen (Malta) jilħaq qabel Alexander Tettey (Norveġja) u (fuq) Alexander Soderlund jiċċelebra l-goal tiegħu għan-Norveġja kontra Malta.**








**10.10.2015 - 18.00 hrs**

| | |
|---|---|
| **Norveġja** A. Tettey 19, A. Soderlund 52 | **2** |
| **Malta** | **0** |

**HT 1-0 Ullevaal Stadium - Oslo**

**Norveġja** 12-Nyland Orjan Haskjold, 3- Even Hovlen, 5-Alexander Banor Tettey, 8-Stefan Marius Johansen, 9-Alexander Soderlund (Joshua King 76), 10-Markus Henriksen, 14-Omar Elabdellaoui 15-Per Ciljan Skjelbred (11-Martin Odegaard 53), 16-Haitam Aleesami, 19-Jo Inge Berget (23-Valon Berisha 84), 21-Vegard Forren
**Coach** – Per-Mathias Hogmo

**Malta** 1-Andrew Hogg, 2-Alex Muscat (3-Joseph Zerafa 55), 5-Andrei Agius, 6-Paul Fenech, 7-Clayton Failla, 8-Roderick Briffa, 11-Rowen Muscat, 13-Andre Schembri (18-Bjorn Kristensen 80), 15 Steve Borg (17 Ryan Camilleri 82), 19-Alfred Effiong, 22-Zach Muscat
**Coach** – Pietro Ghedin

**Referee** – Arnold Hunter (Irlanda ta' Fuq)
**Assistenti** – Richard Storey, Gareth Eakin (Irlanda ta' Fuq)
**Raba' Uff.** – Stephen Bell (Irlanda ta' Fuq)
**Ammoniti** – R. Briffa (M)

Iżda seba' minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, in-Norveġiżi rdoppjaw minn ALEXANDER SODERLUND li kompla għal ġewwa wara indeċiżjoni bejn Steve Borg u Andrew Hogg.

Fis-56 minuta, Hogg evita goal ċert ieħor meta salva x-xutt minn żewġ metri bogħod tas-sostitut Martin Odegaard li kien ilu biss minuta fil-ground.

B'dan il-vantaġġ komdu, in-Norveġiżi kibru fl-istatura fejn iddettaw il-logħob għall-kumplament tal-partita bil-Maltin jirtiraw lura biex jipprovaw jilqgħu l-pressjoni tagħhom.

**Alfred Effiong (Malta) segwit minn Even Hovlen (Norveġja) u (fuq) il-formazzjoni Maltija li lagħbet kontra n-Norveġja. (Lemin) Taqtiegħa għall-ballun bejn Andrè Schembri (Malta) u Stefan Johansen (Norveġja)**

EURO 2016




# Malta ttemm l-impenji tagħha b'telfa minima

Wirja qalbiena mit-team nazzjonali Malti ma kinitx biżżejjed biex il-Maltin jiksbu riżultat pożittiv kontra l-qawwa Kroata, hekk kif huma sfaw megħluba minn dan it-team mimli stilel bl-iskor minimu ta' 1-0.

B'hekk meta wieħed iqis ir-rebħa ta' 2-1 tal-Italja fuq in-Norveġja, il-Kroati temmew fit-tieni post ta' Grupp H biex b'hekk kisbu kwalifikazzjoni diretta għall-Euro 2016 flimkien mal-Italja, li temmew l-impenji tagħhom f'dan il-grupp fl-ewwel post, bin-Norveġiżi jkunu kostretti li jilagħbu fi play-off ta' kwalifikazzjoni.

Kienu l-Kroati li ħolqu l-ewwel azzjoni perikoluża wara għaxar minuti logħob meta xutt angolat tal-attakkant Nikola Kalinic għadda ftit għoli.

Lanqas kienu għaddew żewġ minuti li l-Kroati ma reġgħux ħolqu l-periklu, meta xutt ta' Ivan Perisic għadda ftit barra.

Il-Maltin irrispondew għall-ewwel darba fit-13-il minuta permezz tal-captain Roderick Briffa, li ttanta xortih permezz ta' xutt mid-distanza li iżda għadda għoli minn fuq il-lasti difiżi mill-goalkeeper Kroat, Danijel Subasic.

Fil-21 minuta, il-Maltin ipprotestaw għall-penalty meta deher li kien hemm kuntatt fil-kaxxa bejn il-goalkeeper Danijel Subasic u Alfred Effiong, iżda r-referee Ingliż, Mark Clattenburg, ħalla l-logħob għaddej.

Fit-22 minuta, daqqa ta' ras ta' Ivan Perisic għaddiet ftit barra bil-goalkeeper Malti Andrew Hogg deher kemmxejn żbilanċjat, biex tliet minuti biss wara l-Kroati fetħu l-iskor permezz ta' xutt minn ġol-kaxxa ta' IVAN



Clayton Failla (Malta) ittakiljat minn Darijo Srna (Kroazja) u (fuq) il-formazzjoni inizjali tat-team Malti kontra l-Kroazja









(Fuq) Ivan Perisic jiċċelebra l-goal tiegħu għall-Kroazja kontra Malta u (fuq lemin) jiġbed lil André Schembri (Malta) mill-flokk. (Taħt) Andrei Agius (Malta) attakkat minn Nikola Kalinic (Kroazja) u (lemin) Marko Pjaca (Kroazja) jixħet cross minkejja li ssikkat minn Clayton Failla (Malta)

PERISIC, bil-ballun jiġi mxellef għal ġewwa mid-difensur Malti Steve Borg.

Il-Kroati komplew fuq l-offensiva u man-nofs siegħa logħob setgħu faċilment irdoppjaw meta l-midfielder Ivan Rakitic għadda tajjeb lejn Marko Pjaca li ra x-xutt angolat tiegħu jgħaddi ftit għoli.

Kienu l-Maltin li ħolqu l-ewwel azzjoni perikoluża fid-49 minuta meta xutt potenti ta' Clayton Failla, eżatt minn barra l-kaxxa, ġie milqugħ minn Danijel Subasic mingħajr wisq diffikultà.

Il-Kroati rrispondew ħt-58 minuta meta minn cross fil-baxx għan-nofs ta' Marko Pjaca, id-difensur Malti Joseph Zerafa ddevja l-ballun, b'Ivan Perisic ma jirnexxielux jagħmel kuntatt mal-istess ballun.

Fil-65 minuta, Andrè Schembri għadda tajjeb lejn Alfred Effiong, li avvanza tajjeb iżda l-goalkeeper Danijel Subasic kien pront u ħareġ fil-ħin biex interċetta l-ballun minn fuq l-attakkant Niġerjan naturalizzat Malti.

**13.10.2015 - 20.45 hrs**

| | |
|---|---|
| **Malta** | **0** |
| **Kroazja**<br>I. Perisic 25 | **1** |

HT 1-0 **National Stadium**

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 3-Joseph Zerafa, 5-Andrei Agius, 7-Clayton Failla, 8-Roderick Briffa (6-Paul Fenech 79), 11-Rowen Muscat, 13-André Schembri (10-Andrew Cohen 90), 15-Steve Borg, 18-Bjorn Kristensen, 19-Alfred Effiong (9-Michael Mifsud 75), 22-Zach Muscat
**Coach** – Pietro Ghedin

**Kroazja** – 23-Danijel Subasic, 4-Ivan Perisic, 5-Vedran Corluka, 7-Ivan Rakitic (14-Marcelo Brozovic 77), 8-Marko Pjaca (18-Ivica Olic 83), 11-Darijo Srna, 16-Nikola Kalinic (9-Andrej Kramaric 60), 19-Milan Badelj, 20-Mateo Kovacic, 21-Domagoj Vida, 22-Josip Pivaric
**Coach** – Ante Cacic

**Referee** – Mark Clattenburg (Ingilterra)
**Assistenti** – Stephen Child, Michael Salisbury (Ingilterra)
**Raba' Uff.** – Michael Mullarkey (Ingilterra)
**Ammoniti** – M. Badelj, I. Perisic (K); C. Failla (M)
**Attendenza** – 5,825

## Kif spiċċaw - Grupp H

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Italja | 10 | 7 | 3 | 0 | 16 | 7 | 24 |
| Kroazja | 10 | 6 | 3 | 1 | 20 | 5 | 21 |
| Norveġja | 10 | 6 | 1 | 3 | 13 | 10 | 19 |
| Bulgarija | 10 | 3 | 2 | 5 | 9 | 12 | 11 |
| Azerbaijan | 10 | 1 | 3 | 6 | 7 | 18 | 6 |
| Malta | 10 | 0 | 2 | 8 | 3 | 16 | 2 |

*Kroazja tnaqqsilhom punt

## L-20 team li kkwalifikaw għall-Fażi Finali

| | |
|---|---|
| It-team ospitu | FRANZA |
| GRUPP A | ISLANDA - REP. ĊEKA |
| GRUPP B | BELĠJU - WALES |
| GRUPP C | SPANJA - SLOVAKKJA |
| GRUPP D | ĠERMANJA - POLONJA |
| GRUPP E | INGILTERRA - SVIZZERA |
| GRUPP F | IRLANDA - RUMANIJA |
| GRUPP G | AWSTRIJA - RUSSJA |
| GRUPP H | ITALJA - KROAZJA |
| GRUPP I | PORTUGALL - ALBANIJA |
| It-tielet l-aħjar team | TURKIJA |

## Il-Play-Offs (fuq żewġ legs)

| | |
|---|---|
| 12 u 15.11.2015 | NORVEĠJA v UNGERIJA |
| 13 u 16.11.2015 | BOSNJA v IRLANDA |
| 14 u 17.11.2015 | UKRAJNA v SLOVENJA |
| 14 u 17.11.2015 | SVEZJA v DANIMARKA |




# Il-Maltin isofru żewġ goals fl-aħħar kwarta wara li jispiċċaw b'10 players



It-team Malti ta' Taħt il-21 sena, immexxi mill-coach Silvio Vella, safa megħlub bl-iskor ta' 2-0 mill-Belġju liema partita kienet valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew.

Din it-telfa waslet proprju fl-aħħar kwarta meta spiċċajna nilagħbu bi player inqas wara li, fit-73 minuta, tkeċċa Daniel Zerafa għal foul li kkommetta fuq il-player avversarju Baptiste Guillaume wara li kien diġà ntwera l-karta s-safra.

Wara li r-referee Kroat Fran Jovic, keċċa lil Zerafa, huwa ordna penalty li minnu Youri Tielemans ma żbaljax.

Bil-Maltin Iddemoralizzati għall-aħħar, huwa sofrew it-tieni goal tliet

**Cain Attard (Malta) jantiċipa lil Benito Raman (Belġju) u (fuq) Llywelyn Cremona (Malta) ittakiljat minn Obbi Oulare (Belġju)**








minuti wara minn Julien De Sart (78).

Iżda wieħed irid jgħid ukoll li sakemm it-team Malti sofra ż-żewġ goals, huwa kien sfida denja għall-avversarji, tant, li dehru frustrati li ma setgħux jinfdu d-difiża Maltija li għal ħinijiet twal kienet dixxiplinata u organizzata fejn irreżistiet kull pressjoni.

It-tkeċċija ta' Zerafa kkundizzjonat il-bqija ta' dan il-konfront, li iżda, minkejja li sfaw megħluba l-players Maltin ma ġewx umiljati.

**Matthew Guillaumier (Malta) jaqbeż lil Dennis Praet (Belġju) u (fuq xellug) jipprova jostakola x-xutt ta' Joris Kayembe (Belġju). (Fuq lemin) Taqtiegħa għall-ballun bejn Ryan Camenzuli (Malta) u Benito Raman (Belġju)**

**09.10.2015 - 18.00 hrs**

**Belġju** **2**
Y. Tielemans 75 pen, J. De Sart 78

**Malta** **0**

HT 0-0 **Oud-Heverlee - Louvain**

**Belġju** – Davy Roef, Thomas Foket, Leander Dendoncker, Michael Heylen, Joris Kayembe, Julien De Sart, Benito Raman, Youri Tielemans (Timoty Castagne 81), Dennis Praet, Charly Musonda (Tuur Dierckx 72), Obbi Oulare (Baptiste Guillaume 64)
**Coach** – Enzo Scifo

**Malta** – Matthew Calleja Cremona, Emanuel Briffa, Samuel Magri, Daniel Zerafa, Ryan Camenzuli, Luke Montebello (Jurgen Degabriele 85), Kyle Cesare (Terence Aglus 87), Matthew Guillaumier, Joseph Mbong (Brandon Muscat 82), Llywelyn Cremona, Cain Attard
**Coach** – Silvio Vella

**Referee** – Fran Jovic (Kroazja)
**Assistenti** – Ivica Modric, Hrvoje Radic (Kroazja)
**Raba' Uff.** – Mario Zebec (Kroazja)
**Ammoniti** – D. Zerafa, R. Camenzuli (M)
**Tkeċċa** – D. Zerafa 73 (M)

## Kif jinsabu

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | 3 | 3 | 0 | 0 | 6 | 1 | 9 |
| Malta | 5 | 1 | 2 | 2 | 3 | 7 | 5 |
| Rep Ċeka | 2 | 1 | 1 | 0 | 5 | 2 | 4 |
| Montenegro | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 4 |
| Moldova | 4 | 1 | 1 | 2 | 2 | 3 | 4 |
| Latvja | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 5 | 1 |

**KAMPJONAT PREMIER**



# Valletta jitilgħu waħedhom fl-ewwel post

Meta ntlagħbet id-disa' ġurnata tal-Kampjonat Premier, Valletta huma l-leaders assoluti wara li t-tliet sfidanti ewlenini, Balzan, Hibernians u Birkirkara ma rnexxiehomx jirbħu, hekk kif Balzan sfaw megħluba minn Floriana bl-iskor ta' 2-0 filwaqt li l-konfront bejn Hiberinans u Birkirkara spiċċa fi draw ta' 1-1.

Mill-aħħar erba' ħarġiet, Valletta biss kisbu punti massimi, meta għelbu lil Naxxar L., Tarxien R. u Floriana bl-iskor identiku ta' 3-1 u lil Qormi 2-1.

Għaldaqstant mit-tielet post huma qabżu fl-ewwel post li sal-ħames ġurnata kien okkupat minn Balzan u li issa jinsabu fit-tieni post. Bit-telfa kontra Floriana, ġiet imwaqqfa wkoll is-serje ta' ħames rebħiet konsekuttivi.

**Rabat A. v Pietá H. ..................... 1-3**
J. Scicluna 3, John Roland Emeka (PH); Dylan Falzon (RA)

## Kif spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gzira U. | 5 | 5 | 0 | 0 | 11 | 1 | 15 |
| Hamrun S. | 5 | 3 | 1 | 1 | 12 | 9 | 10 |
| Zebbug R. | 5 | 3 | 1 | 1 | 7 | 5 | 10 |
| Lija A. | 5 | 3 | 0 | 2 | 8 | 5 | 9 |
| Melita | 5 | 3 | 0 | 2 | 5 | 7 | 9 |
| Vittoriosa S. | 5 | 2 | 1 | 2 | 8 | 6 | 7 |
| Pietá H. | 5 | 2 | 1 | 2 | 6 | 6 | 7 |
| Senglea A. | 5 | 2 | 1 | 2 | 6 | 6 | 7 |
| Rabat A. | 5 | 2 | 1 | 2 | 5 | 6 | 7 |
| San Gwann | 5 | 1 | 2 | 2 | 8 | 9 | 5 |
| St George's | 5 | 1 | 1 | 3 | 4 | 6 | 4 |
| Fgura U. | 5 | 1 | 1 | 3 | 4 | 8 | 4 |
| Gudja U. | 5 | 1 | 0 | 4 | 6 | 10 | 3 |
| Mqabba | 5 | 0 | 2 | 3 | 2 | 8 | 2 |




# Irreġistrat l-ewwel hat-trick - minn Giovanni Galea ta' Sirens

Marsa v Zurrieq
(Ritratt: Ian Noel Pace)

**20.09.2015**
**Charles Abela Stadium**
**Għargħur v Swieqi U.** ........ 2-1
Muda Fagbeja 2 (Gh); Nicholas Schembri (SU)

**Msida SJ v Mellieħa** ........ 0-4
Ryan Cutajar, Khalil Da Rosa, Kyle Simiana, Wayne Borg St John (M)

**Sirens Stadium**
**Mgarr U. v Birżebbuġa SP** ........ 2-2
Lazar Doric 2 (MU); Keith Muscat, Paul Camilleri (BSP)

**Sirens v Siggiewi** ........ 2-1
Darren Galea (Sg); Daniel Cremona, Giovanni Galea (Sr);

**Luxol Stadium**
**Zurrieq v Zabbar SP** ........ 1-1
Daniel Zammit (Z); Shalon Diacono (ZSP)

**Zejtun C. v Marsa** ........ 0-2
Cleavon Frendo 2 (M)

**21.09.2015**
**Centenary Stadium**
**Kirkop U. v Qrendi** ........ 1-2
Keith Bonello, Clayton Caruana (Q); Matthew Agius (KU)

**25.09.2015**
**Luxol Stadium**
**Birżebbuġa SP v Sirens** ........ 1-2
Keith Muscat (BSP); Giovanni Galea 2 (S)

**26.09.2015**
**Charles Abela Stadium**
**Marsa v Zurrieq** ........ 2-0
Paul Chimezie, Gilbert Martin (M)

**Mellieħa v Għargħur** ........ 1-1
Ryan Cutajar (M); Ayrton Buhagiar (Gh)

**Luxol Stadium**
**Qrendi v Msida SJ** ........ 2-0
Luca Casha 2 (Q)

**Swieqi U. v Zejtun C.** ........ 0-2
Adrian Carabott, Jair Nelson Escobar Ortiz (ZC)

**Sirens Stadium**
**Siggiewi v Kirkop U.** ........ 2-0
Nathan Camilleri, Mark Camilleri (S)

**Zabbar SP v Mgarr U.** ........ 3-0
Shalon Diacono, Julio Cesar Sousa Martins Da Silva, Justin Felice (ZSP)

**02.10.2015**
**Luxol Stadium**
**Mgarr U. v Marsa** ........ 0-2
Paul Chimezie, Darrel Grech (M)

**04.10.2015**
**Charles Abela Stadium**
**Zurrieq v Swieqi U.** ........ 0-4
Daniel Calleja Cremona, Kenneth Ekezie 2, Kane Micallef (SU)

**Zejtun C. v Mellieħa** ........ 3-1
Josuel Spiteri, Jair Nelson Escobar Ortiz, Adrian Carabott (ZC); Wayne Borg St John (M)

**04.10.2015**
**Luxol Stadium**
**Msida SJ v Siggiewi** ........ 0-4
Abeeb Abiodun Williams 2, Mark Camilleri 2 (S)

**Birżebbuġa SP v Zabbar SP** ........ 1-0
Ronnie Celeste (BSP)
**Sirens Stadium**

**Għargħur v Qrendi** ........ 1-1
Luca Casha (Q); Muda Fagbeja (Gh)

**Sirens v Kirkop U.** ........ 2-2
Daniel Cremona, John Debono (S); Michael Theuma, Michael Zammit (KU)

**10.10.2015**
**Centenary Stadium**
**Kirkop U. v Msida SJ** ........ 2-2
Miguel Grech, Ryan Tanti (MSJ); A. Cutajar, A. Ribic (KU)

**Charles Abela Stadium**
**Qrendi v Zejtun C.** ........ 0-2
Margeith Scicluna, Escobar Ortiz Jair Nelson (ZC)

**Zabbar SP v Sirens** ........ 1-1
Daniel Cremona (S); Shalon Diacono (ZSP)

**Luxol Stadium**
**Marsa v Birżebbuġa SP** ........ 1-0
Ryan Mifsud (M)

**Swieqi U. v Mgarr U.** ........ 2-0
Matthew Asciak, Kenneth Ekezie (SU)

**Sirens Stadium**
**Mellieħa v Zurrieq** ........ 0-0

**Siggiewi v Għargħur** ........ 0-1
Muda Fagbeja (Gh)

**16.10.2015**
**Luxol Stadium**
**Għargħur v Kirkop U.** ........ 0-1
Michael Zammit (KU)

**18.10.2015**
**Charles Abela Stadium**
**Zurrieq v Qrendi** ........ 2-1
Clayton Caruana (Q); Marko Dimitrijevic, Tonio D'Amato (Z)

**Zabbar SP v Marsa** ........ 2-1
Dylan Micallef, Shalon Diacono (ZSP); Paul Chimezie (M)

**Luxol Stadium**
**Mgarr U. v Mellieħa** ........ 4-0
Matthew Muscat, James Borg, Lazar Doric, Kenneth Aquilina (MU)

**Zejtun C. v Siggiewi** ........ 0-1
Abeeb Abiodun Williams (S)
**Sirens Stadium**
**Birżebbuġa SP v Swieqi U.** ........ 4-0
Edson Luiz Bonati, Keith Muscat, Ronnie Celeste 2 (BSP)

**Sirens v Msida SJ** ........ 3-0
Giovanni Galea 3 (S)

## Kif spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marsa | 5 | 4 | 0 | 1 | 8 | 2 | 12 |
| Sirens | 5 | 3 | 2 | 0 | 10 | 5 | 11 |
| Siggiewi | 5 | 3 | 0 | 2 | 8 | 3 | 9 |
| Zejtun C. | 5 | 3 | 0 | 2 | 7 | 4 | 9 |
| Zabbar SP | 5 | 2 | 2 | 1 | 7 | 4 | 8 |
| Għargħur | 5 | 2 | 2 | 1 | 5 | 4 | 8 |
| Birżebbuga SP | 5 | 2 | 1 | 2 | 8 | 5 | 7 |
| Qrendi | 5 | 2 | 1 | 2 | 6 | 6 | 7 |
| Swieqi U. | 5 | 2 | 0 | 3 | 7 | 8 | 6 |
| Kirkop U. | 5 | 1 | 2 | 2 | 6 | 8 | 5 |
| Mellieħa | 5 | 1 | 2 | 2 | 6 | 8 | 5 |
| Mgarr U. | 5 | 1 | 1 | 3 | 6 | 9 | 4 |
| Zurrieq | 5 | 1 | 2 | 2 | 3 | 8 | 2 |
| Msida SJ | 5 | 0 | 1 | 4 | 2 | 15 | 1 |

# IT-TIELET DIVIŻJONI




# Dingli S. jwaqqfu l-mixja ta' Mdina K.



St Venera L. v Marsaskala (Ritratt: Ian Noel Pace) u (fuq) St Lucia v Xgħajra T. (Ritratt: Roger Azzopardi)

**19.09.2015**
**Charles Abela Stadium**
**Marsaskala v Mtarfa........................1-0**
Gilbert Camilleri (Msk)

**Kalkara v Xgħajra T. ..........................1-1**
Royter Degiorgio (XT); Kevin Galea (K)

**Sirens Stadium**
**Mdina K. v Marsaxlokk.................. 2-1**
Wallace Oliveira Santos (M); Mark Cermona, Daniel Cluett (MK)

**St Lucia v St Venera L. ..................1-3**
Dylan Mercieca 3 (SVL); Mohammed Senussi Telessi (SL)

**Luxol Stadium**
**Ta' Xbiex v Luqa SA........................ 1-2**
Anderson Meyar De Melo (TX); Chris Farrugia, Wayne Busuttil (LSA)

**Attard v Dingli S...............................0-0**

**27.09.2015**
**Charles Abela Stadium**
**St Venera L. v Marsaskala............1-1**
Yau Mun Law (SVL); Mark Spiteri (M)

**Dingli S. v St Lucia ..........................2-2**
Mohammed Senussi Telessi 2 (SL); Tyrone Pace, Jonathan Pace (DS)

**Luxol Stadium**
**Luqa SA v Mdina K. ..........................0-2**
Ramon Bugeja, Andrea Spiteri (MK)

**Mtarfa v Ta' Xbiex.............................. 1-2**
Riccardo Napoli 2 (TX); Keithrick Sant (M)

**Sirens Stadium**
**Xgħajra T. v Attard ...........................2-6**
Mark Grech, Andrew Agius, Jurgen Gerada 4 (A); Royter Degiorgio, Clayton Micallef (XT)

**Għaxaq v Kalkara...............................2-0**
Florin Anton 2 (Għ)

**03.10.2015**
**Charles Abela Stadium**
**St Lucia v Xgħajra T. .......................3-0**
Mohammed Senussi Telessi 2, Jonathan Bugeja (SL)

**Mdina K. v Mtarfa............................ 5-1**
Daniel Cluett 2, Andrea Spiteri 2, Adrian Galea (MK); Paul Azzopardi (M)

**Luxol Stadium**
**Marsaxlokk v Għaxaq.................... 3-3**
Christopher Zammit, Florin Anton, Daniel Zahra (Għ); Paul Paris, Wallace Oliveira Santos 2 (M)

**Kalkara v Attard ................................ 0-2**
Jurgen Gerada 2 (A)

**Sirens Stadium**
**Marsaskala v Dingli S.....................1-0**
Gilbert Camilleri (M)

**Ta' Xbiex v St Venera L. .................1-1**
Gianluca Calabretta (TX); Danijel Vasic (SVL)

**11.10.2015**
**Charles Abela Stadium**
**Għaxaq v Luqa SA...........................0-2**
Greg Marney, Wayne Busuttil (LSA)

**Xgħajra T. v Marsaskala ............... 1-2**
Robert Peplow (XT); Justin Zammit, Denis Sytnik (M)

**Luxol Stadium**
**Attard v St Lucia.............................. 2-2**
Gaynor D'Amato, Marlon Farrugia (SL); Jurgen Gerada, Leonard Alla (A)

**Marsaxlokk v Kalkara..................... 2-1**
John Paul Barbara, Ryan D'Amato (M); Lizio Grech (K)

**Sirens Stadium**
**St Venera L. v Mdina K. ................0-4**
Daniel Cluett, Mark Cremona, John Cachia, Alex Demarco (MK)

**Dingli S. v Ta' Xbiex .........................2-0**
Joshua Sciarrino, Keith Borg o.g.(DS)

**17.10.2015**
**Charles Abela Stadium**
**Luqa SA v Marsaxlokk ................... 0-3**
Dylan Attard, Abner Martins Dos Santos, Ryan D'Amato (M)

**Kalkara v St Lucia........................... 2-1**
Mohammed Telessi, G. Desira (SL); Lizio Grech (K)

**Luxol Stadium**
**Mdina K. v Dingli S. ........................ 0-3**
Joshua Sciarrino 2, Kayne Said (DS)

**Ta' Xbiex v Xgħajra T...................... 0-1**
Royter Degiorgio (XT)

**Sirens Stadium**
**Marsaskala v Attard.........................1-1**
Gilbert Camilleri (M); Jurgen Gerada (A)

**Mtarfa v Għaxaq...............................0-2**
Florin Anton, Marvic Grech (Għ)

## Kif spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mdina K. | 5 | 4 | 0 | 1 | 13 | 5 | 12 |
| Marsaskala | 5 | 3 | 2 | 0 | 6 | 3 | 11 |
| Attard | 5 | 2 | 3 | 0 | 11 | 5 | 9 |
| Dingli S. | 5 | 2 | 2 | 1 | 7 | 3 | 8 |
| St Lucia | 5 | 2 | 2 | 1 | 10 | 8 | 8 |
| Marsaxlokk | 4 | 2 | 1 | 1 | 9 | 6 | 7 |
| Għaxaq | 4 | 2 | 1 | 1 | 7 | 5 | 7 |
| Luqa SA | 4 | 2 | 0 | 2 | 4 | 6 | 6 |
| St Venera L | 4 | 1 | 2 | 1 | 5 | 7 | 5 |
| Ta' Xbiex | 5 | 1 | 1 | 3 | 4 | 7 | 4 |
| Xgħajra T. | 5 | 1 | 1 | 3 | 5 | 12 | 4 |
| Kalkara | 5 | 0 | 1 | 4 | 3 | 9 | 1 |
| Mtarfa | 4 | 0 | 0 | 4 | 2 | 10 | 0 |

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

minn **Joe Micallef (Segretarju Ġenerali YFA)**

**Football Social Responsibility min-Nurseries**

# "Iva niftakar il-gwerra, kienu jinqatlu n-nies...

## Intervista ma' Ali - tfajjel ta' 12-il sena mis-Sirja



Wara li għal diversi snin il-Youth FA kienet qed tinnota li bosta tfal ta' emigranti irregolari, kif ukoll tfal oħrajn ġejjin minn pajjiżi differenti, ma setgħetx tingħtilhom il-*clearance* minn pajjiżhom biex ikunu jistgħu jilagħbu l-logħba favorita tagħhom, l-Assoċjazzjoni ħasset li kellha tidħol aktar fil-fond tal-problema biex tipprova ssib soluzzjoni ġusta favur dawn it-tfal. Bdew diversi konsultazzjonijiet ma' nurseries, fejn l-opinjoni tagħhom kienet differenti x'kellu jsir, filwaqt li baqa' jikber in-numru ta' players barranin mhux irreġistrati.

Il-Youth FA, ħasbet biex tkompli tinkoraġġixxi lil dawk in-nurseries, biex ikomplu jaċċettaw lil dawn it-tfal bħala parti minn programm ta' *Football Social Responsibility* filwaqt li tipprova li dawn jiġu regolarizzati. Il-maġġoranza assoluta tan-nurseries bdew jaraw li dawn it-tfal ikollhom il-kit komplut bħal tfal oħra fin-nursrery, filwaqt li jingħataw ukoll l-istess attenzjoni bħal tfal oħra. Ma nistax ngħid li ma kienx ikollna lmenti minn ġenituri li forsi kienu jaħsbu li dawn it-tfal jistgħu jieħdu post it-tfal tagħhom fit-team, iżda b'mod gradwali dawn it-tfal aktar bdew jiġu aċċettati.

L-Assoċjazzjoni bdiet tieħu l-affarijiet aktar bis-serjetá u wara taħditiet mal-MFA, li min-naħa tagħha ma kinetx qed issib diffikultá li dawn it-tfal jilagħbu fil-kampjonati tal-Youth FA sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-FIFA jew mill-UEFA fuq ksur ta' regolamenti. F'Jannar 2012, il-YFA kienet bdiet taħditiet mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żagħżagħ u Sport ta' dik il-leġiżlatura, flimkien mal-kelliem tal-Oppożizzjoni fuq l-isport, kif ukoll ma' diversi NGO's u Kummisjonijiet Governattivi, biex seta' jinstema aktar il-vuċi ta' dak fejn xtaqna li naslu. Fil-fatt dawn imsemmija kienu l-imsieħba prinċipali li komplew jagħtu s-saħħa lill-Youth FA biex isir il-pass li kien imiss - dak li tissejjaħ konferenza stampa u wara li ġew approvati bosta regolamenti, bdew jinħarġu reġistrazzjonijiet speċjali magħrufa bħala FSR.

L-għan prinċipali kellu jkun li tiġi miġġielda kull diskriminazzjoni fl-isport filwaqt li kulħadd għandu jkun inkluż. L-Assoċjazzjoni tivverifika kull talba fuq il-mertu tagħha, biex filwaqt li tinżamm is-serjetá, ma jkunx hemm lok ta' ebda abbuż fejn wieħed ikun jista' jinqeda permezz tal-isport biex jisfrutta lil dawn it-tfal. Illum il-ġurnata, meta għaddew 'il fuq minn tliet snin li kien imniedi dan il-programm u meta wieħed iħares u janalizza dak li ġara, mill-ewwel jasal għall-konklużjoni li n-nurseries tagħna qegħdin ikunu mezz ta' inklużjoni bogħod minn kull razziżmu u diskriminazzjoni f'etajiet vulnerabbli. 'Il fuq minn 150 tifel, illum jinsabu jgawdu fin-nurseries tagħna ħin ta' kwalitá jilagħbu l-isport favorit tagħhom. Il-kontroll li sar fir-regolamenti jagħti wkoll l-inklużjoni li żewġ players fit-team irreġistrati fuq l-FSR ikunu jistgħu jilagħbu fil-Kampjonati tal-YFA, filwaqt li numru li kull nursery tista' żżomm minn dawn it-tfal taħt din ir-reġistrazzjoni huwa indefinit.

Ser niltaqgħu mat-tfajjel Ali, fejn in-Nursery ta' Ħal-Tarxien qed tagħti ċans lil dan it-tfajjel, li filwaqt li jipprattika l-isport favorit tiegħu qed jingħata wkoll iċ-ċans li jintegra fis-soċjetá. Fl-intervista joħroġ dak li għadda minnu dan it-tfajjel, kif ukoll permezz tan-nursery jista' jtaffi xi ftit mill-passat tiegħu u jħares lejn il-futur b'aktar ottimiżmu. Dan joħroġ f'waħda mit-tweġibiet tiegħu fejn qal li sab minn jieħu ħsiebu, iħobbu u jgħallmu. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sur Mark Aquilina, amministratur tan-nursery ta' Tarxien Rainbnows, lis-Sinjorina Stephanie Rocco u lin-nursery ta' Tarxien li mingħajr l-għajnuna tagħhom din l-intervista ma kinetx tkun possibbli.

**Kemm għandek zmien, u meta gejt Malta?**

Għandi 12-il sena u ġejt Malta, fl-2011.

**Kif wasalt Malta u minn fejn ġejt eżattament?**

Jiena gejt minn Damascus, fis-Sirja. Minn Damascus mort il-Libja. Domt

"sparaw fuq id-dar tagħna. Imn'alla aħna konna barra mid-dar...

ġurnata hemmhekk biex imbagħad salpajna bid-dgħajsa. L-ewwel ħaduna fuq dgħajsa normali żgħira, kulħadd fuq xulxin, u wara morna fuq id-dgħajsa l-kbira fejn għamilna tlitt ijiem. Waqt li konna fuq id-dgħajsa ġew nies b'dgħajsa oħra fejn bdew jisparaw fuqna. Id-dgħajsa li konna fuqha waqfet taħdem u poġġewna ġo kamra żgħira, fid-dgħajsa stess. Fortunatament intervjenew il-pulizija biex ġejna salvati minn dak it-terrur.

L-għada, il-baħar kien kalm ħafna. Oħti ż-żgħira kienet qed tħares lejn il-baħar u waqgħet fl-ilma. Jien kont naf ngħum u qbiżt warajha fil-baħar biex ngħinha titla' 'l fuq. In-nies għenuni wkoll biex nitla'. Dakinhar kien hemm ukoll shark kbir, imma xi irġiel li kienu magħna fid-dgħajsa qatluh. Wara ġurnata fuq id-dgħajsa li ma kinitx taħdem, id-dgħajsa bdiet tegħreq.

Imma waslet dgħajsa oħra kbira li permezz tagħha stajna nkomplu sejrin bil-vjaġġ tagħna.

Domna xi tlitt ijiem oħra fuq il-baħar mexjin lejn Malta u Għawdex. F'daqqa waħda għal xid-9.00 pm qam mewġ kbir li baqa' sejjer għal ħin twil. Eventwalment rajna d-dgħajsa tal-Maltin imma kienet żgħira wisq u n-nies qagħdu kollha fuq xulxin. Ipprovaw jipparkjaw id-dgħajjes maġenb xulxin, imma l-ballun li kien hemm mad-dgħajsa infaqa'. Imma mbagħad irranġaw kif setgħu u bdew itellgħuna fuq id-dgħajsa. Konna se ntellgħu l-ħwejjeg magħna imma ma ħallewniex. L-affarijiet u l-ħwejjeg tagħna ħaduhom il-Libjani.

Wasalna Għawdex. Aħna morna għand il-kugini li kienu jgħixu hemm. Għamilna sas-6.00 am u morna fejn il-vapur ta' Għawdex u wasalna Malta (Fgura).

*(Mill-Fgura kont se nibda nilgħab il-football mal-Hibs imma ġejt ma' Tarxien Rainbows).*

**Xi kemm kontu nies fuq id-dgħajsa?**

Konna xi 70 persuna li fosthom kien hemm madwar 20 tifel u tifla.

**Kulħadd irnexxielu jasal Malta ħaj?**

Iva kulħadd wasal ħaj. Imma kien hemm min ma baqax hawn. Hemm min mar l-Isvezja, il-Ġermanja u l-Italja. Infatti ma tantx baqgħu nies Malta ħlief aħna u xi erba' familji oħra.

**Kont tilgħab football f'pajjiżek u x'faċilitajiet kellek?**

Iva, imma fit-triq ... konna nilagħbu football bejn il-ħbieb. Kellna l-ground u konna nilagħbu fih. Il-ground kien 5-a-side, tal-ġebel u tar-ramel ... u konna nweġġgħu ħafna.

**Jigifieri inti minn dejjem kont tħobb il-football?**

Iva. Anke, per eżempju fis-Sirja waqt il-lezzjonijiet kont naħrab biex noqgħod nilgħab il-football ma' tfal oħrajn waqt il-lessons tal-PE ... għax veru kont nixtieq insir footballer kbir bħal Cristiano Ronaldo u Lionel Messi.

**Allura x'taħseb li għamilhom players kbar lil Ronaldo u Messi?**

Naħseb li kienu jagħmlu training wisq lebes u kienu jaħdmu ħafna fit-training. U peress li kienu jaħdmu dejjem kienu jirrispettawhom u jagħtuhom il-flus ... u bdew jirbħu t-tazzi .... Dan minbarra li rebħu l-unur personali tal-Ballun tad-Deheb għal diversi drabi.

**Tiftakar xi esperjenza kerha lura f'pajjiżek?**

Iva, niftakar il-gwerra – kienu jinqatlu n-nies... Ismagħni se ngħidlek din ... fis-Sirja, is-suldati kienu joqtlu n-nies quddiemna. Lil oħti li kellha 15-il sena huma qatluha – sparaw fuq id-dar tagħna. Imn'alla aħna konna barra mid-dar. Hi kienet ġewwa qed tilgħab x-box fuq it-tv, sparaw bażuka u waqgħet fuq id-dar ... jien kont qed nilgħab il-football fil-ground. Meta kont sejjer id-dar rajt lil ommi u lil ħuti qed jibku. Meta ħarist lejn id-dar rajt li kienet waqgħet kamra. Kellna dar kbira ħafna (kienet qisha villa). Meta rajt li l-kamra waqgħet fuq oħti, ippruvajt nidħol mal-kuġini tiegħi biex noħorġuha minn hemm... kelli xi disa' snin.

Għandi erba' ħuti oħra u kollha qegħdin Malta.

**Irrakkonta xi ħaġa mill-esperjenza tiegħek tal-logħba tal-football ...**

Iva, niftakar konna nirbħu ħafna tazzi ... u konna nirbħu ħafna logħbiet ... jien nieħu pjaċir nirbaħ ... anke sempliċiment partita ta' ħbiberija.

**Allura fis-Sirja kellkom nurseries?**

Iva, kellna nurseries. Jien kont nilgħab ma' nursery bl-isem ta' Caramo – l-aħjar nursery li hemm is-Sirja. Ma lgħabtx ħafna .... domt xi sentejn biss nilgħab. Issa ilni tliet snin nilgħab ma' Tarxien.

**Kif ħassejtek biex titgħallem il-Malti?**

Kienet ftit ħafifa biex nitgħallem il-Malti. Missieri kien ilu Malta 11-il sena. Kont noħroġ mal-ħbieb u kont inkellimhom bl-Ingliż .... missieri kien jgħallimni ħafna l-Malti .... u l-Malti jixbah ħafna lis-Sirjan.

**U kif tmur ma' sħabek fl-iskola?**

Tajjeb ħafna.

**X'suġġetti tħobb l-aktar u x'tixtieq issir meta tikber?**

Inħobb il-cooking (home economics). Nixtieq naħdem il-bank.

**Domt biex integrajt ma' sħabek tan-nursery?**

Bdejt mill-Under 10 u bdejt nidra lill-coach u lil sħabi waqt it-taħriġ. Imbagħad tlajt Under 11 u bdejt naħdem taħt il-gwida tal-coach Manuel Caruana. Huwa dixxiplinat ħafna. Nista' ngħid ukoll li tgħallimt ħafna taħt ir-responabbiltá tiegħu.

**Kemm taħseb li ġejt aċċettat mill-ewwel?**

Żgur li qatt ma jien se ninsa lin-nursery ta' Tarxien għax ġejt aċċettat mill-ewwel minn nies li urewni rispett kbir. Qabel ma ġejt ma' Tarxien, ingħaqadt ukoll ma' xi nurseries oħrajn iżda ftit li xejn kont nilgħab. Forsi għax jien Għarbi? Meta ġejt f'din in-nursery, nista' ngħid li ġejt aċċettat mill-ewwel u ninsab f'ambjent seren u familjari ħafna u għandi wkoll ħafna ħbieb.

**Is-sistema tal-Youth FA dik tal-FSR fejn tfal bħalek qed jingħataw iċ-ċans jilagħbu u jintegraw ma' tfal oħra, għamlet effett fuq ħajtek wara l-esperjenzi ta' pajjiżek?**

Iva. Niftakar meta s-sena l-oħra, l-Under 11 ta' Tarxien lagħbu fl-events tal-Youth FA ġewwa Ħad-Dingli. Waħda miż-żjarat li kellna kienet ġo shelter tal-gwerra.

Forsi għat-tfal Maltin ma kien ifisser xejn iżda dak ix-shelter fakkarni fil-gwerra tas-Sirja fejn in-nies kienu jinżlu fihom biex jistkennu ... kienu żminijiet diffiċli.

**X'messaġġ tixtieq twassal lit-tfal u lid-diriġenti tan-nursery tiegħek?**

Grazzi għar-rispett kollu lejja u ta' dak kollu li għamiltu miegħi.

**U kif tmur mal-players tal-ewwel skwadra?**

Immur tajjeb ħafna magħhom ... huma l-idoli tiegħi. L-aktar li nħossni qrib tagħhom hu meta ninżel bħala ball-boy għax inħoss li qed nifforma parti mill-iskwadra u nkun qed insegwihom mill-qrib ħafna.

**Kif tħares lejn Malta u n-nursery tiegħek li qed jagħtuk spazju biex tkompli tikber u tiprattika l-isport favorit tiegħek?**

Illum ngħid li dan il-pajjiż, ir-regolamenti l-ġodda tal-Youth FA u n-nursery ta' Tarxien, tawni ħafna opportunitajiet ... Grazzi mill-qalb.




# Staġun rekord għal Malta Eight Ball Federation

minn **Kenneth Mallia Milanes**

L-istaġun il-ġdid tal-Malta Eight Ball Federation 2015/16 jidher li se jkun wieħed rekord - kemm bħala reġistrazzjonijiet għall-kompetizzjonijiet tat-timijet kif ukoll għal dawk individwali.

Mhux anqas minn 40 team ġie reġistrat għall-Kampjonati tal-5-a-side li beda bin-'Knock-out', fis 16 ta' Ottubru. Ir-rebbieħa tal-istaġun li għadda, 147 Snooker Hall, jibdew bħala favoriti peró jidher li din is-sena se jiffaċċjaw kompetizzjoni diffiċli minn, Downtown Bar, San Ġwann Boċċi Club kif ukoll min Jesmond Sporting Club.



Clayton Castaldi, ir-rebbieħ tal-MEBF Ranking 2 u (fuq) Clayton Attard, rebbieħ tal-MEBF Ranking 1

## Clayton Attard u Owen Amato

Id-debuttant tal-BlackBall, Clayton Attard (San Ġwann Bocci Club), ħareġ rebbieħ fil-MEBF Ranking Tournament 1, meta fil-finali għeleb lill-avversarju tiegħu, Jesmond Schembri (Downtown Bar) bi skor ta' 10-8. Fil-kategorija tal-'Under 23's, iż-żagħżugħ promettenti Owen Amato (San Ġwann Bocci Club) ħareġ rebbieħ fil-finali bl-iskor ta' 10-7 kontra Darren Azzopardi.

## Clayton Castaldi

Clayton Castaldi, 147 Snooker Hall, irnexxielu jirbaħ l-MEBF Ranking 2, meta fil-finali għeleb lil Jesmond Schembri (Downtown Bar), bl-iskor kbir ta' 10-1. Castaldi wera superjoritá kbira meta għamel disa' 'clearances' minn 10 frames u qatt, tul il-finali kollha, ma ħalla lill-avversarju tiegħu jirkupra. B'din ir-rebħa Castaldi rnexxielu jitla' fit-tielet post fir-Ranking List tal-Federazzjoni.

## Richard Lewis

Richard Lewis (Downtown Bar) jidher li f'dan l-istaġun se jiddomina il-kategorija tal-'Over 40s' meta ħareġ rebbieħ min Ranking 1 kif ukoll min Ranking 2. Magħruf aktar bħala player tas-snooker, Lewis jidher li qiegħda togħgħbu l-logħba tal-'Blackball' meta fil-final ta' Ranking 1 għeleb lil Alfred Micallef 9-0, waqt li fil-finali ta' Ranking 2 ħareġ rebbieħ kontra sieħbu Conrad Catania bl-iskor ta' 9-5.

## Jesmond Schembri

Jesmond Schembri tela' fl-ewwel post tal-MEBF Ranking List, wara li rnexxielu jirriserva post fil finali taż-żewġ ranking tournaments, peró tilifhom it-tnejn kontra Clayton Attard u Clayton Castaldi rispettivament.


Lyden Debono


Owen Amato


Richard Lewis


Jesmond Schembri

## MEBF 2015-16 Lista tar-Rankings

### Open

01. Jesmond Schembri
02. Clayton Attard
03. Clayton Castaldi
04. Stephen Mangion
05. Clint Grima
06 . Philip Coleiro
07. Clint Azzopardi
08. Lyden Debono
09. Richard Lewis
10. Chris Domenici
11. Ivan Rizzo
12. Mevrick Zammit
13. Philip Ciantar
14. Jeremy Dalli

### Under 23

01. Lyden Debono
02. Owen Amato
03. Leon Azzopardi
04. Darren Azzopardi
05. Gary Carr
06. Joseph Fiteni
07. Lee Ryan Darmanin
08. Alessio Magro
09. Wayne Pace
10. Ben Schembri

### Over 40s

01. Richard Lewis
02. Conrad Catania
03. George Cutajar
04. Ivan Rizzo
05. Jesmond Schembri
06. Horace Farrugia
07. Joe Camilleri
08. Steve Scicluna
09. Alfred Micallef
10. Edmond Fenech



WATERPOLO
KAMPJONAT EWROPEW 2016

# Kwalifikazzjoni storika

It-team nazzjonali Malti tal-waterpolo, taħt it-tmexxija tal-coach Karl Izzo assistit minn Anthony Farrugia, kiseb kwalifikazzjoni storika għall-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew li se jsir f'Belgrade fis-Serbja, f'Jannar 2016, meta f'mini-tournament kwadrangulari li kien jinkludi wkoll lill-Ġermanja, il-Polonja u l-Isvizzera, spiċċat fit-tieni post.

**Svizzera** ............................ **8**
**Malta** ................................ **20**
(5-3, 0-7,1-6, 2-4)

L-ewwel logħba kienet dik kontra l-Isvizzera meta b'mod mill-aktar faċli ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 20-8.

**Svizzera** Luca Henzi, Ricardo Lucato 1, Marc Herzog, Oliver Frohli, Azzedine El Mehrek 2, Stefan Velikov, Amedeo Cassina 1, Petar Bjelajac, Luka Damjanov, Robin Pleyer 4, Philip Canonica - Coach: Uwe Sterzik

**Malta** Alan Borg Cole, Niki Lanzon 7, Jerome Gabarretta 1, Michele Stellini 1, Mark Meli 2, Matthew Zammit 1, Stevie Camilleri 1, Jordan Camilleri 1, Edward Aquilina 1, Aurelian Cousin 3, Clint Mercieca, Dino Zammit 2, Nicholas Grixti - Coach: Karl Izzo

**Referees** Irakli Kikalishvili (Georgia), Siarou Constantin (Belarus)

Fil-logħba l-oħra, il-Ġermanja għelbu lill-Polonja bl-iskor ta' 10-3.

**Polonja** ............................ **8**
**Malta** ................................ **13**
(0-3, 2-5, 3-3, 3-2)

Il-konfront kontra l-Polonja kien wieħed kruċjali meta din ir-rebħa kienet tfisser il-kwalifikazzjoni.

Il-Maltin mill-ewwel urew l-intenzjonijiet tagħhom hekk kif ħarġu fuq l-offensiva biex fl-ewwel sessjoni skorjaw tliet goals mingħajr risposta li waslu minn Jerome Gabarretta, Matthew Zammit u Michele Stellini.

Fit-tieni sessjoni, it-team Malti kompla jiddomina biex daħal jistrieħ fil-vantaġġ ta' 8-2 bil-goals jaslu minn Stevie Camilleri (2), Jerome Gabaretta, Niki Lanzon u Dino Zammit.

Fit-tielet sessjoni, il-Pollakki għamlu reazzjoni biex spiċċat fi draw ta' 3-3, bl-iskorers Maltin ikunu Jerome

**L-iskwadra Maltija qabel il-logħba kruċjali kontra l-Polonja u (fuq) Matthew Zammit (Malta) jixxuttja fil-logħba kontra l-Polonja**



ritratti **Christine Borg**





**L-iskwadra Maltija flimkien mal-istaff tekniku u d-diriġenti tal-ASA u (xellug) Mark Meli (Malta) jipprova jostakola lil Stefan Velikov (Svizzera)**

Gabaretta u Stevie Camilleri (2).

Ir-raba' sessjoni ntrebħet mill-Pollakki 3-2 iżda l-logħba kienet diġà mirbuħa u mitlufa bil-goals Maltin jaslu minn Michele Stellini u Clint Mercieca.

**Polonja:** Michal Diakonow, Pawel Radzinski, Jakub Bednarek, Michal Andruszkiewicz 2, Bartosz Kowalewski 3, Oskar Szymonik, Piotr Michalski 1, Michal Bar, Grzegorz Mos, Bartosz Szymanski, Bartosz Luczak, Wojciech Leszek 2, Jan Szablowski - Coach: Edward Kujawa

**Malta:** Alan Borg Cole, Niki Lanzon 1, Jerome Gabarretta 3, Michele Stellini 2, Mark Meli, Matthew Zammit 1, Stevie Camilleri 4, Jordan Camilleri, Edward Aquilina, Aurelian Cousin, Clint Mercieca 1, Dino Zammit 1, Nicholas Grixti - Coach: Karl Izzo

**Referees:** Mehmet Sungu (Turkija), Irakli Kikalishvili (Georgia)

Fil-logħba l-oħra, il-Ġermanja għelbu lill-Isvizzera bl-aktar mod faċli bl-iskor kbir ta' 21-0.

**Ġermanja ........................ 24**
**Malta ................................ 3**
(5-2, 5-1, 6-0, 7-0)

Bil-kwalifikazzjoni aċċertata, it-team nazzjonali Malti temm l-impenji tiegħu fir-round preliminari b'telfa kbira ta' 24-3 kontra l-Ġermanja.

Għalkemm kien konfront ta' fomalitá, il-Maltin kienu ferm 'il bogħod mill-forma li urew fiż-żewġ logħbiet preċedenti.

Dan minbarra li sabu quddiemhom team ferm qawwi li huwa tal-istess livell li l-Maltin se jiffaċċjaw fil-fażi finali meta se jkunu qed jikkompetu fost l-aqwa 16-il team fl-Ewropa.

Kif jindika r-riżultat, il-Ġermaniżi ddominaw dan il-konfront fejn il-Maltin irnexxielhom biss isibu x-xibka avversarja fi tliet okkażjonijiet bl-iskorers ikunu Matthew Zammit, Jordan Camilleri, u Edward Aquilina.

**Ġermanja:** Moritz Schenkel, Jan Obschernikat 2, Timo van der Bosch 3, Julian Real 4, Tobias Preus 1, Maurice Jungling, Heiko Nossek 3, Paul Schuler 3, Marko Stamm 4, Moritz Oeler 2, Andre Schlotterbeck, Dennis Eidner, 2 Roger Kong - Coach: Patrick Weissinger

**Malta:** Alan Borg Cole, Niki Lanzon, Jerome Gabarretta, Michele Stellini, Mark Meli, Matthew Zammit 1, Stevie Camilleri, Jordan Camilleri 1, Edward Aquilina 1, Aurelian Cousin, Clint Mercieca, Dino Zammit, Nicholas Grixti - Coach: Karl Izzo

**Referees:** Mehmet Sungu (Turkija), Constantin Siarou (Belarus)

Fil-logħba l-oħra, il-Polonja kisbu l-ewwel rebħa billi għelbu lill-Isvizzera bl-iskor ta' 13-12.

## Kif spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġermanja | 3 | 3 | 0 | 0 | 55 | 6 | 9 |
| Malta | 3 | 2 | 0 | 1 | 36 | 40 | 6 |
| Polonja | 3 | 1 | 0 | 2 | 24 | 35 | 3 |
| Svizzera | 3 | 0 | 0 | 3 | 20 | 54 | 0 |

## Il-poloz tal-Gruppi fil-Fażi Finali

Il-poloz tal-Gruppi tal-Fażi Finali li se ssir, f'Belgrade, is-Serbja, f'Jannar li ġej, ittellgħu hekk:
**Grupp A**: Montenegro, Spanja, Olanda, Slovakkja
**Grupp B**: Franza, Kroazja, Malta, Serbja
**Grupp Ċ**: Ġermanja, Georgia, Italja, Rumanija
**Grupp D**: Ungerija, Russja, Greċja, Turkija




# L-Isportivi jibbenifikaw mill-Budget 2016

SPORTMALTA

Bosta huma dawk li kkummentaw li l-isportivi bbenefikaw bil-bosta mill-Budget 2016. Budget illi jgħin sabiex ikomplu jintlaħqu bosta miri fl-isport, kemm fl-immodernizzar tal-faċilitajiet kif ukoll biex tintlaħaq il-mira li aktar ċittadini jkunu attivi.

Ftit ġimgħat ilu, is-Segretarjat Parlamentari, permezz ta' konferenza tal-aħbarijiet qabel il-kwalifikazzjoni storika ta' Malta fil-Kampjonati Ewropej tal-Waterpolo li ser isiru fis-Serbja, fakkar li l-plejers tal-football u tal-waterpolo kienu qed jibbenefikaw minn rata ta' taxxa anqas fuq id-dħul tagħhom. Il-proġett pilota beda fil-football u kien estiż għall-waterpolo fil-Budget 2015. Dan il-budget 2016 ra din il-miżura titwessa' fuq pjattaforma ikbar fejn minn dan il-Budget ser ikunu l-atleti kollha li jibbenefikaw minn rata ta' taxxa ta' 7.5% fuq id-dħul, kif ukoll il-kowċis.

Il-Gvern qed jagħraf li l-problema tal-obeżità f'pajjiżna hija waħda kbira u għalhekk qed jipprova jinċentiva liċ-ċittadini sabiex ikunu aktar attivi billi jgħinhom finanzjarjament. F'dan l-aħħar diċenju Malta rat żieda fin-nies li huma attivi. Żieda li madanakollu mhijiex ikkunsidrata bħala waħda biżżejjed u allura waħda mill-miżuri tal-Budget 2016 hija t-tnaqqis ta' VAT fuq attivitajiet sportivi. Dan jinkludi wkoll membership f'gyms, fitness centres, football nurseries u attivitajiet sportivi oħra. It-tnaqqis ser ikun minn 18% għall-7%. Miżura li qed tħalli aktar flus fil-bwiet tal-familji Maltin u Għawdxin li jistgħu jibbenefikaw direttament minnha.

Il-Gvern se jkompli jinċentiva l-użu ta' mezzi alternattivi ta' trasport li ma jniġġsux u li fl-istess ħin ikunu ta' ġid għas-saħħa tal-individwu. Ser tkun qed tiġi estiża l-iskema ta' għotja ta' 15.25% tal-prezz fuq roti u roti tal-elettriku, filwaqt li l-massimu tal-għotja ser titla' għal €250. Fl-istess ħin, Transport Malta se tkun qed taħdem fuq National Cycle Plan. Dan jawgura tajjeb għal dawk kollha li jipprattikaw dan l-isport u li jitlaqgħu ma' bosta problemi speċjalment fejn tidħol l-edukazzjoni tas-sewwieqa vis-a-vis iċ-ċiklist.

Barra minn hekk, qed ikunu inċentivati dawk l-azjendi li jinvestu f'bicycle racks sabiex l-impjegati tagħhom ikollhom fejn ipoġġu r-roti meta jużawhom biex imorru x-xogħol. Ser jiġi allokat fond ta' €150,000, li permezz tiegħu l-Gvern se jkun qed joħroġ nofs l-ispiża li tkun għamlet l-azjenda. Minbarra hekk, ser jitwaqqaf fond ieħor ta' €30,000 biex il-Kunsilli Lokali jkunu mħeġġa jinkoraġġixxu l-użu tar-roti fil-lokalitá tagħhom.

Ser ikompli jsir xogħol ta' mmodernizzar fuq il-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq. Ix-xogħol ser jinkludi l-bdil tad-deck, u retrofitting ta' ingenji biex il-pixxina ssir aktar energy friendly u tkun iffrankata ħafna enerġija. Ser jibda jintuża l-ġibjun, fejn l-ilma li jinġabar ser ikun jista' jerġa jkun utilizzat fil-pixxina. Għalkemm il-pixxina tal-Qroqq qed tieħu prijoritá, il-Gvern ser ifassal pjani






għall-pixxina ta' Wied il-Għajn, fil-Kottonera, f'Ħad-Dingli u f'Pembroke. Dan qed isir għaliex il-Gvern u l-Kunsill Malti għall-Isport jemmnu fid-dixxiplini relatati mal-baħar/ilma u kemm hawn talent f'dan il-qasam f'pajjiżna, liema talent għandu bżonn l-appoġġ sabiex jibbrilla.

Ser tkun qed tinbidel l-art tal-gym tal-kumpless tal-Kottonera u ssir estensjoni tas-sala għall-Ġinnastika. Fil-Kumpless ta' Ħal-Kirkop ser isir xogħol fuq ix-shallow pool u ser ikun qiegħed isir xogħol ukoll fil-Kumpless sportiv tal-Marsa, b'enfasi fuq il-korsa tat-tiġrijiet taż-żwiemel li hemm bżonn li tkun elevata fuq livell internazzjonali.

Bl-iskop li jissaħħaħ iktar il-kuntatt bejn l-Federazzjonijiet Sportivi u l-Kunsill Malti għall-Isport ser jinfetħu akkademji ġodda tal-basketball, tal-volleyball u tal-ġinnastika. Il-Gvern qed jara li jkun hawn ukoll faċilitá għall-judo u li jiġu żviluppati numru ta' jogging tracks madwar Malta.

Se tkompli wkoll il-ħidma fuq il-possibbiltá li jkollna shooting range ta' livell internazzjonali.

Bil-kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ, ser ssir evalwazzjoni sabiex fil-Youth Village jinbnew faċilitajiet sportivi li jkunu jistgħu jintużaw kemm mill-istudenti tal-ALP u tal-Youth.inc u żgħażagħ oħra flimkien ma' għaqdiet sportivi. Din hija waħda mill-prijortajiet ta' dan il-gvern, fejn kull faċilitá tkun utilizzata għall-massimu tagħha.

Fiż-żmien li ġej ser tkun qed tiġi mnedija White Paper għad-diskussjoni mal-għaqdiet sportivi dwar kif dawn jistgħu jattiraw investiment fil-faċilitajiet tagħhom biex b'hekk l-isport Malti jitmexxa fuq bażi finanzjarja aktar soda u aktar sostenibbli.

Budget 2016 jwitti t-triq għall-sena oħra ta' ħidma fl-isport f'pajjiżna. Il-ħidma trid tibda immedjatament sabiex 12-il xahar ieħor nħarsu lura u nkunu nistgħu ngħidu flimkien wettaqna dak li wegħdna.




# Riżultati u ħinijiet eċċellenti minn qaddiefa Maltin f'regatta internazzjonali

Aktar kmieni dan ix-xahar, qaddiefa Maltin kisbu riżultati u ħinijiet eċċellenti fir-Regatta Internazzjonali li saret f'Reno di Luggiano (Coppa Europa).

Fost l-oħrajn, l-ekwipaġġi Maltin spiċċaw l-ewwel fit-tiġrijiet tal-Gozzo (il-kategorijiet ta' Taħt it-18-il sena u tal-Kbar) filwaqt li spiċċaw fit-tielet post fil-European Cup tal-Jole liema tiġrija kienet kombattuta ħafna bil-Maltin ikomplu juru l-potenzjal tagħhom.





Il-qaddiefa li ħadu sehem kienu Antoine Brignone, Cleavon Falzon, Clifton Camilleri, Clyde Debattista, Damien Attard, Dennis Thornton, Dirk Attard, Dylan Portelli, Elton Azzopardi, Emerson Farrugia, Ericsen Lia, Eros Pavia, Francesco Paris, Glenn Brincat, Graham Attard, Jan Tanti, Juan Farrugia, Kieran Zammit, Marlon Vella, Maximilian Mamo, Melchior Farrugia, Nico Muscat, Tony Cachia, Wayne Xuereb

Dan juri wkoll li hemm potenzjal kbir f'dan l-isport u li hemm bżonn jiġi kkurat u sostnut.

Din l-inizjattiva tal-Għaqda Regatta Nazzjonali, setgħet issir bl-għajnuna tal-FICSF, il-Kumitat Olimpiku Malti u tas-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport immexxi mill-Onor. Chris Agius

Din kienet l-ewwel darba li kontinġent daqshekk kbir ta' qaddiefa Maltin ħa sehem f'Regatta barra minn xtutna fejn it-teknika tal-qdif hija pjuttost simili għal dik Maltija. Fil-fatt, f'din ir-Regatta kien hemm mhux biss tiġrijiet kemm għal min jaqdef bħala irmiġġier u pruwier, iżda wkoll tiġrijiet għal min jaqdef bil-wieqfa, parasiji u poppiera. Bħal ma qal Max Mamo, wieħed mill-qaddiefa żgħażagħ li jippromettu u li kien parti minn dan it-team, il-qaddiefa kienu sodisfatti ħafna b'din l-esperjenza, minħabba li filwaqt li tgħallmu affarijiet ġodda, huma kienu wkoll kburin li kisbu dawn l-unuri f'isem pajjiżna.

Dan kollu seta' jsir grazzi għall-ħidma li saret f'dawn l-aħħar xhur mill-Għaqda Regatta Nazzjonali u Qdif ieħor u l-Federazione Italiana Canottaggio Sedile Fisso, li l-viċi president tagħha kien f'Malta fir-Regatta ta' Settembru.

Ringrazzjament b'mod speċjali lill-Malta Olympic Committee, lill-Kunsill Malti għall-Isport kif ukoll lis-Segretarjat immexxi mill-Onor. Chris Agius tas-support li dejjem jagħti.




# Sejħa ta' interess għad-Disinn, Bini u l-Operat ta' Motor Recreation and Education Park

Il-Gvern ippubblika sejħa ta' interess għad-Disinn, Bini u l-Operat ta' Motor Recreation and Education Park. F'konferenza tal-aħbarijiet is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport Chris Agius qal illi l-Gvern tela' bil-mandat elettorali li jgħid li flimkien mal-istakeholders involuti jkun identifikat sit għall-iżvilupp ta' korsa tal-motorsport, possibbilment bl-involviment tas-settur privat.

"Dan il-gvern iwettaq dak li jwiegħed u issa, wara ħidma intensiva, jinsab f'pożizzjoni li jibda jilqa' l-espressjonijiet ta' interess, jevalwa u eventwalment iwettaq il-ħolma ta' bosta entużjasti biex ikollna trakka ta' livell internazzjonali f'pajjiżna," qal is-Segretarju Parlamentari. Huwa kompla jgħid li meta tagħlaq din is-sejħa ta' interess, il-Gvern ser jara li jkun immassimizzat il-potenzjal ekonomiku tal-art mittiefsa, speċjalment fejn jirrigwardja ħolqien ta' postijiet tax-xogħol.

Huwa sostna li dan huwa sport li minn dejjem ġab riżultati lejn pajjiżna anke jekk is-sewwieqa tagħna jsibuha diffiċli finanzjarjament sabiex jikkompetu fuq bażi regolari barra minn xtutna. Il-Gvern u SportMalta jipprovaw jgħinu mill-aħjar mod li jistgħu madanakollu bit-twettiq ta' din il-ħolma ser ikunu attirati lejn pajjiżna kompetizzjonijiet ta' livell internazzjonali li fihom jistgħu jieħdu sehem anke sewwieqa lokali. Dan ikompli jgħin lill-atleti tagħna jiksbu l-esperjenza u jikbru fit-talenti tagħhom.




Il-ħtieġa għall-Motor Recreation and Education Park, kienet ilha tinħass. Filfatt minn rapport ikkummissjonat mis-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u



SPORTMALTA

l-Isport lil numru ta' dilettanti tal-motorsport lokali rriżulta li bħalissa m'hemm l-ebda ċirkwiti tat-tlielaq f'Malta li jilħqu standards internazzjonali li jistgħu jrawmu t-talent eżistenti. Il-Gvern permezz ta' din l-espressjoni ta' interess jixtieq li l-proponent jidentifika lok xieraq li joffri aspetti diversi relatati mal-motorsport.

### Il-proċess

Il-proċess beda mid-29 ta' Settembru, fejn dawk interessati ssotomettew proposta għal dan il-proġett, fejn għamlu kuntatt mal-Privatisation Unit biex ġabru kopja tad-dokument.

Dan id-dokument ser ikun jista' jinġabar sal-11 ta' Diċembru 2015.

L-aħħar jum li fih ser jintlaqgħu is-sottomissjonjiet huwa l-20 ta' Jannar 2016.

Dawk interessati għandhom jikkuntattjaw il-Privatisation Unit fuq l-email: privatisation.meib@gov.mt jew www.privatisation.gov.mt.



# Mhux biss isem ġdid għall-Kunsill Malti għall-Isport iżda bidla totali




Hekk kif ftit tal-ġimgħat ilu ġie mniedi SportMalta, l-isem il-ġdid tal-Kunsill Malti għall-Isport, issa sar xogħol avvanzat fl-oqsma kollha hekk kif SportMalta vara website ġdida u moderna biex ikun jista' jasal il-messaġġ għand il-pubbliku dwar l-avvenimenti, il-programmi kif ukoll il-proġetti kapitali għas-snin li ġejjin.

Din il-website ġdida għandha valur kbir għal SportMalta minħabba li fiha wieħed jista' jsib l-informazzjoni kollha meħtieġa kif ukoll jagħmel kuntatt u jipparteċipa bl-aktar mod faċli minħabba li hija waħda tassew 'user friendly'.

Ix-xogħol fuq il-website se jibqa' għaddej kontinwament biex dejjem tkun aċċessibbli għall-pubbliku u b'hekk dejjem ikun informat dwar is-servizzi u l-opportunitajiet eżistenti.

Barra minn hekk, se jkun hemm aġġornament kontinwu dwar dak li qed jiġri fix-xena lokali sportiva permezz tal-website ta' SportMalta.

Għalhekk il-pubbliku huwa mħeġġeg biex iżur dan is-sit u jaċċessa l-kamp sportiv permezz ta' dan is-servizz ġdid offrut minn SportMalta.

minn **Joe Bajada**



# Issir il-preżentazzjoni tar-rebbieħa taċ-ċikliżmu 2015

Dan l-aħħar il-Malta Cycling Federation organizzat il-preżentazzjoni annwali li fiha ġew ippremjati r-rebbieħa kollha ta' kull kategorija għas-sena 2015 fosthom Maurice Formosa, Wayne Spiteri u Michelle Vella Wood li spiċċaw champions nazzjonali tal-elite. Fl-istess serata kienu ppremjati t-timijiet ta' Mosta AF Signs Studio S.C. bit-trofej 'The Club Aggregate Points Award' u l-Greens C.C. 'The Club Aggregate Elite Points Award' rispettivament.

Maurice Formosa ta' The Cyclist C.C. kien ikkonfermat bħala ċ-champion nazzjonali tar-road race elite. Dan il-kampjonat kien organizzat fuq tliet tiġrijiet fejn Formosa rebaħ tnejn, dawk ta' San Martin u dik f'Ta' Pinnellu, filwaqt li spiċċa t-tieni fl-aħħar waħda dik f'Tal-Maqluba biex tella total ta' 575 punt. Fit-tieni post tal-klassifika ġenerali spiċċa ħuh Christian Formosa tat-team Greens C.C. b'total ta' 530 punt meta dan kien rebaħ l-aħħar tiġrija f'Tal-Maqluba, filwaqt li spiċċa t-tieni f'San Martin u t-tielet f'Ta' Pinellu. Fit-tielet post b'415 punt ikklassifika l-ex-champion Etienne Bonello tal-Greens C.C. ukoll fejn dan spiċċa darbtejn il-tielet f'San Martin u f'Tal-Maqluba, filwaqt li f'Ta' Pinellu kien daħal fis-seba' pożizzjoni.

Michelle Vella Wood ta' Birkirkara St. Joseph S.C. spiċċat c-champion nazzjonali femminili 2015 tar-road race meta hija kkonfermat il-progress kbir li għamlet fejn kisbet żewġ rebħiet minn tlieta. Fil-fatt hija spiċċat l-ewwel f'San Martin u f'Ta' Pinellu u mbagħad daħlet it-tieni f'Tal-Maqluba biex kienet inkurunata kampjonessa b'total ta' 575 punt. Fit-tieni post tal-klassifika ġenerali spiċċat Stephanie Alden ta' The Cyclist C.C. b'total ta' 510 punt miksuba minn rebħa f'Tal-Maqluba u darbtejn it-tielet fit-tiġrijiet l-oħra. Danica Bonello Spiteri (Greens C.C.) spiċċat it-tielet b'470 punt li waslu mit-tieni post f'San Martin, it-tielet f'Tal-Maqluba u r-raba' f'Ta' Pinellu.

Fl-istess Kampjonat tar-Road Race, Kurt Muscat tal-Mosta AF Signs Studio S.C. spiċċa ċ-champion tal-Juniors b'total massimu ta' 600 punt fejn dan rebaħ it-tliet tiġrijiet. Fit-tieni post spiċċa Shaun Galea ta' Birkirkara St. Joseph S.C. fejn daħal it-tieni fit-tliet tiġrijiet biex tella' total ta' 525 punt, filwaqt li sieħbu Benjamin Crisp spiċċa b'total ta' 295 punt.

Joe Bonello (Greens C.C.) ħareġ rebbieħ tal-kategorija 40+ b'total ta' 575 punt. Huwa kien segwit b'25 punt inqas minn sieħbu Michael Camilleri, filwaqt li t-tielet kien ikklassifikat Richard Galea (Mosta AF Signs Studio S.C.) b'total ta' 435 punt.

Gaetano Catania (The Cyclist C.C.) rebaħ il-kategorija tal-50+ b'total ta' 575 punt. Joe Mallia ta' Qormi C.C. u Jude Zammit ta' Agones S.F.C. spiċċaw it-tieni u t-tielet rispettivament b'440 u 375 punt. Emanuel Camilleri (Mosta AF Signs Studio S.C.) b'total ta' 600 punt rebaħ il-kategorija tas-60+.

Il-Kategoriji taż-Żgħar U/15 Subien intrebħet minn Isaac Spiteri (Agones S.F.C.) b'total ta' 600 punt. Huwa kien segwit minn żewġ ċiklisti tal-Mosta AF Signs Studio S.C., Andrew Vella u Gianluca Camilleri li kisbu total ta' 460 u 450 punt rispettivament. Il-kategorija tal-U/15 bniet hawn ukoll kellna suċċess minn ċiklisti tal-Mosta AF Signs Studio S.C. fejn Monica Cutajar ħarġet rebbieħa b'punteġġ massimu ta' 600 punt. Hija kienet segwita minn shabha, Veronique Pace Asciak b'525 punt u Erika Spiteri Bailey b'465 punt rispettivament.

Intant Wayne Spiteri ta' Birkirkara St Joseph S.C. fid-debutt tiegħu f'dan l-isport spiċċa ċ-champion nazzjonali tal-individual team trial fejn kiseb total ta' 540 punt li waslu minn rebħiet fl-Mtarfa Bypass u f'Mrieħel Bypass, filwaqt li spiċċa r-raba' f'Tal-Miżieb.

Fit-tieni post spiċċa Christian Formosa tal-Greens C.C. b'total ta' 470 punt fejn kellu suċċess fit-tiġrija tal-Miżieb. Steve Sciberras ta' (Birkirkara St Joseph S.C.) spiċċa fit-tielet pożizzjoni b'għaxar punti inqas.

Suċċess doppju għal Michelle Vella Wood ta' Birkirkara St. Joseph S.C. li wkoll spiċċat iċ-champion nazzjonali femminili

2015 meta hija wkoll rebħet il-kampjonat tat-team trial b'total massimu ta' 600 punt miksuba minn tliet rebħiet. Hawn ukoll Stephanie Alden (The Cyclist C.C.) ikklassifikat fit-tieni pożizzjoni b'total ta' 470 punt, filwaqt li Marion Pullicino tal-Agones S.F.C. ikklassifikat fit-tielet post b'total ta' 425 punt.

Shaun Galea ta' Birkirkara St. Joseph S.C. rebaħ il-kategorija tal-Juniors b'żewġ rebħiet u darba fit-tieni post għal total ta' 575 punt. B'25 punt inqas, b'rebħa u żewġ pjazzamenti fit-tieni, spiċċa t-tieni klassifikat Kurt Muscat tal-Mosta AF Signs Studio S.C., filwaqt li anke hawn Benjamin Crisp ta' Birkirkara St. Joseph S.C. spiċċa t-tielet b'punteġġ ta' 435.

Joe Bonello tat-team Greens C.C. kellu suċċess doppju meta huwa wkoll ħareġ rebbieħ fil-kategorija 40+ b'total ta' 575 punt.

Huwa reġa' kien segwit minn sieħbu Michael Camilleri b'510 punt, filwaqt li t-tielet overall spiċċa Kevin Muscat ta' C.C. b'470 punt.

Emanuel Bezzina (Mosta AF Signs Studio S.C.) rebaħ il-kategorija tal-50+ b'total ta' 530 punt. Joe Mallia ta' Qormi C.C. għal darb'oħra spiċċa t-tieni b'375 punt u Nicky Farrugia tal-Mosta AF Signs Studio S.C. spiċċa t-tielet b'200 punt. Emanuel Camilleri ta' Mosta AF Signs Studio S.C. b'total massimu ta' 600 punt ukoll kellu suċċess doppju fil-kategorija tas-60+.

Il-kategoriji taż-żgħar U/15 subien, Isaac Spiteri tal-Agones S.F.C. reġa' kien protagonista meta rebaħ ukoll dan il-kampjonat b'total massimu ta' 600 punt. Huwa kien segwit minn żewġ ċiklisti tal-Mosta AF Signs Studio S.C., Julian Gauci u Andrew Vella li kisbu total ta' 525 u 450 punt rispettivament.

Fil-kategorija tal-bniet hawn ukoll kellna suċċess komplet minn ċiklisti tal-Mosta AF Signs Studio S.C. fejn Monica Cutajar reġgħet ħarġet rebbieħa b'punteġġ massimu ta' 600 punt. Hija kienet segwita minn kollegi tagħha, Veronique Pace Axciak u Erika Spiteri Bailey b'350 u 330 punt rispettivament.



# L-Inter Club Gozo (Malta) rikonoxxut uffiċjalment miċ-Centro Cordinamento

Ftit ġimgħat ilu, qabel id-derby della Madonnina mill-Kampjonat tas-Seria A mirbuħ 1-0 mill-Inter kontra Milan, sar il-ftuħ uffiċjali tal-Club tas-Supporters Interisti f'Għawdex.

Il-president tal-club Joe Bajada, wara li ta merħba lill-Interisti kollha preżenti, qal li kien ilu jinħass in-nuqqas ta' post alternattiv fejn il-partitarji tal-Inter Għawdxin ikunu jistgħu jsegwu l-logħbiet tal-benjamini tagħhom flimkien f'Għawdex stess. Dan kien wieħed mill-iskopijiet ewlenin u speċifiċi tat-twaqqif ta' dan il-Club ġdid.

Bajada qal li skop ieħor huwa li bħala club ikun b'mod uffiċjali rikonoxxut miċ-Centro Cordinamento tal-F.C. Internazionale. Fil-fatt, il-club ġie rikonoxxut matul nofs dan ix-xahar.

Huwa saħaq li b'dan il-ftuħ uffiċjali qed jintlaħqu l-kriterji kollha mitluba biex jakkwistaw tali rikonoxximent. B'hekk il-membri kollha tal-club ikunu jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi kollha mogħtija mill-Inter Club direttament jew permezz taċ-Ċentru Koordinament sabiex jipparteċipaw għall-avvenimenti fejn jieħu sehem it-team ta' l-F.C. Internazionale.

Skop iehor tal-club, kompla jgħid Joe Bajada, huwa li jlaqqa' u jipprova jkabbar in-numru ta' dawk li jissapportjaw lill-Inter, kif ukoll li jorganizza wkoll dawk l-attivitajiet li jservu ta' ġid sabiex il-membri jqattgħu il-ħin liberu tagħhom.

Huwa rringrazzja l-ewwelnett lil dawk li offrew li jiffurmaw parti mill-kumitat bi grazzi speċjali tmur lit-teżorier Shaun Attard li kien huwa li xpruna din l-idea li l-Interisti Għawdxin ikollhom dan il-club tagħhom.

Bajada rringrazzja wkoll lill-Kumitat tal-Għaqda tal-Armar Madonna tas-Sokkors ta' Kerċem, Għawdex fosthom lil president Frankie Camilleri u lis-segretarju David Mizzi li offrew dan il-post għal sena mingħajr l-ebda kera.

"B'hekk il-membri kollha tal-club ikunu jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi kollha mogħtija mill-Inter Club direttament"

Imbagħad Joe Bajada ta l-assigurazzjoni tiegħu li bħala l-club tal-Inter ta' Għawdex huma ser iżommu relazzjoni tajba maż-żewġ clubs tal-Inter li jeżistu f'Malta. Huwa qal li għal dan il-club Għawdxi m'hemm l-ebda rivalitá għax għalihom ilkoll l-imħabba sportiva hija waħda, dik Interista.

Huwa saħaq li kien ta' sodisfazzjoni li bosta kollegi Interisti Maltin fehmu dan il-kunċett u n-neċessitajiet tal-isless Għawdxin.

Fost l-ewwel inizjattivi li ser jieħu l-club huwa li jorganizza mawra sa Milan biex membri tal-club ikunu jistgħu jattendu għall-partita mis-Serie A, bejn Inter u Lazio, li ser tintlagħab nhar, il-Ħadd 20 ta' Diċembru 2015.

Fi tmiem id-diskors tal-president tal-club, sar ħsieb spiritwali, kif ukoll it-tberik tal-lokal mid-direttur spiritwali tal-Inter Club Gozo (Malta) Est: 2015, Fr. Joe Borg MSSP.

MEUSAC

Malta-EU Steering & Action Committee

NATIONAL COORDINATOR
2015 European Year for Development

# Proġetti fil-Qasam tal-Isport b'Kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea

minn **Mandy Falzon (Head of EU Funding)**







L-Isport jista' jkun għodda utli ħafna għall-promozzjoni ta' prinċipji bħall-ugwaljanza u l-opportunitajiet indaqs. B'hekk, filwaqt li l-attività fiżika tagħmel il-ġid għas-saħħa fiżika u mentali tal-persuni, l-ispirtu sportiv isaħħaħ l-aspett soċjali u komunitarju.

L-Unjoni Ewropea (UE) tqis dawn l-aspetti tal-isport bħala importanti ħafna u tinkoraġġixxi l-prattika tal-isport jew l-attività fiżika bħala mezzi li jgħinu l-ekonomija u jibnu soċjetà b'saħħitha. Dan tagħmlu billi talloka fondi fi ħdan il-Programm Erasmus+, li jistgħu jintużaw biex tiffinanzja parti mill-ispejjeż ta' proġetti fil-qasam tal-isport. F'dan il-Programm, dawk li huma involuti fil-qasam tal-isport għandhom opportunitajiet ta' proġetti varji.

Il-fondi taħt l-Erasmus+ imorru sabiex jitwettqu proġetti li jaċċertaw li tinżamm l-integrità fl-isport, illi l-atleti jiġu appoġġati fit-tfittxija tagħhom għall-impjieg wara li jtemmu l-karriera tagħhom, li jkun hemm tmexxija tajba fl-isport u li jiġi xprunat il-volontarjat fl-isport. Jiġu appoġġati wkoll proġetti sportivi li jippromwovu iktar l-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs, iktar kuxjenza dwar l-importanza tal-attività fiżika u li jkun hemm aċċess miftuħ għal kulħadd fejn jidħol l-isport.

Bħall-programmi kollha ta' finanzjament tal-UE, il-proġetti kofinanzjati mill-Erasmus+ għall-isport għandhom ikunu mfassline biex jilħqu l-għanijiet tal-UE kif żviluppati fil-politika tagħha. Hekk per eżempju, iż-żieda fl-inklużjoni soċjali kif ukoll ta' opportunitajiet indaqs fil-qasam tal-isport għandha titwettaq permezz ta' proġetti li jagħtu appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-UE, bħalma huma: l-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel u L-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà. Jekk nieħdu l-ewwel strateġija, jiġifieri dik immirata lejn l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, diġà sar ħafna progress f'dawn l-aħħar deċenji sabiex in-nisa u l-irġiel ikollhom aċċess għall-istess opportunitajiet. Madankollu għad fadal ħafna x'jista' jsir. L-Istrateġija tenfasizza l-ugwaljanza f'diversi oqsma tal-ħajja bħal per eżempju fil-pagi, fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-indipendenza ekonomika.

L-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabbiltà thares lejn kif tista' titwettaq l-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabbiltà b'mod iktar effettiv. L-Istrateġija ta' għaxar snin (mill-2010 sal-2020) tħares lejn oqsma differenti bħas-saħħa, l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabbiltà fil-ħajja ekonomika u soċjali. Il-proġetti sportivi li jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-persuni b' diżabbiltà fl-isport ikunu qegħdin jippromwovu wkoll is-sehem attiv ta' dawn il-persuni f'oqsma oħra tal-ħajja u mhux fl-isport biss.

Hemm żewġ tipi ta' proġetti li jaqgħu taħt il-Programm tal-Isport tal-Erasmus+: Collaborative Partnerships u Not-for-Profit European Sport Events. Dawn iż-żewġ tipi ta' proġetti jappoġġaw kemm proġetti li huma marbuta



**"Il-proġetti sportivi li jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fl-isport ikunu qegħdin jippromwovu wkoll is-sehem attiv ta' dawn il-persuni f'oqsma oħra tal-ħajja u mhux fl-isport biss."**





mal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport, kif ukoll dawk li mhumiex. Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport hija inizjattiva riċenti tal-UE sabiex madwar l-Ewropa jiġu ċċelebrati l-isport u l-attività fiżika. Hija inizjattiva dinamika indirizzata mhux biss lejn atleti, iżda lejn kulħadd, irrispettivament mill-età jew il-livell ta' attività fiżika tagħhom.

Il-proġetti tat-tip Collaborative Partnerships jinvolvu mill-inqas ħames organizzazzjonijiet minn ħames pajjiżi differenti li fost affarijiet oħra, permezz tal-proġett li jwettqu jsaħħu l-koperazzjoni ta' bejniethom. Il-proġetti jistgħu jinvolvu attivitajiet varji, bħall-iskambju ta' ideat u proġetti li kellhom suċċess, l-iżvilupp ta' għodda ta' tagħlim u attivitajiet li jqajmu kuxjenza fuq il-benefiċċji tal-isport, kif ukoll tal-iżvilupp professjonali li jista' jirriżulta mill-isport.

Il-proġetti tat-tip Not-for-Profit European Sport Events, mill-banda l-oħra, jistgħu jinvolvu mill-inqas tliet parteċipanti minn tliet pajjiżi differenti jekk il-proġett huwa marbut mal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport. Jekk il-proġett mhuwiex marbut mal-Ġimgħa tal-Isport, irid ikun hemm parteċipanti minn tal-inqas 12-il pajjiż differenti. Jistgħu jiġu organizzati attivitajiet edukattivi għall-atleti, il-kowċis u voluntiera, kif ukoll konferenzi jew attivitajiet oħra ta' tixrid tal-informazzjoni. Il-proġetti jistgħu wkoll jinkludu t-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għal attivitajiet li għandhom jiġu implimentati wara li jintemm il-proġett.

Dawn iż-żewġ tipi ta' proġetti, li jistgħu jibbenefikaw minn kofinanzjament mill-UE, għandhom diversi benefiċċji għall-għaqdiet u l-persuni li jipparteċipaw. Waqt li jiftħu perspettivi u orizzonti ġodda ta' ideat u tagħlim, iwasslu għal żvilupp kemm personali kif ukoll professjonali.

Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għal proġetti marbuta mal-Ġimgħa Ewropea tal-Isport jagħlqu fit-22 ta' Jannar 2016. Għaldaqstant, fil-futur qrib, il-MEUSAC se jkun qed jorganizza sessjoni ta' informazzjoni għal min hu interessat fi proġetti li jinvolvu l-isport u ż-żgħażagħ. Għal aktar tagħrif nistednukom iżżuru s-sit elettroniku tal-MEUSAC www.meusac.gov.mt, tibagħtu email fuq funding.meusac@gov.mt, jew iċċemplu fuq 2200 3300. ▮

## Kampjonat 1960-61

# Annullata l-logħba Floriana v Hibs

minn **Tonio Farrugia**

### It-Tmien Ġurnata

**18-02-1961**
**St. Patrick FC – Marsa FC 2-1**
**H.T 1-0 Att: 1,977**
**Skurjaw: R. Psaila (S) 30' u pen. 68' u J. Borg (M) 82'**
**Referee: Carmel Galea**

St. Patrick FC: Charles Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar, Tony Formosa (Gori Farrugia 56'), Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Romeo 'Il-Hacca' Psaila, Toninu 'Landolina' Camenzuli, Joe 'In-Najsu' Anastasi (Freddie 'Il-Kixu' Abela 70'), Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Charlie Mattocks.

Marsa FC: Salvu Alamango, Nenu Fabri, Renzo Coleiro, Ernie Glynn, Mario Bonello, Alfred Vassallo, Freddie Wilson, J. Azzopardi, Joe Borg, Norman Bell (Żaren 'In-Najs' Formosa 46'), Freddie Chircop (Charles Cassar 46').

1. Twanny Formosa ta' St. Patrick kellu jħalli l-ground wara li kiser idejh.

2. Id-debuttant Freddie Wilson ta' Marsa fl-istaġun ta' qabel kien jilgħab mar-Reserves ta' Sliema Wanderers.

3. Il-partita bdiet fit-3.15 p.m, kwarta aktar tard mis-soltu.

**19-02-1961**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 2-1**
**H.T 1-1 Att: 10,026**
**Skurjaw: M. Azzopardi (V) 25', S. Nicholl (S) 32' u R. Buttigieg (S) 77'.**
**Referee: Pawlu Bonnett**

Sliema Wdrs. FC: Ray Cosby, Joe Grima, John Gatt, Rudyard Mifsud, Joe Cini, Silvio Micallef, Robbie Buttigieg, John Bonnett, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Wally Hili.

Valletta FC: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe Attard (Tony Connor 46'), Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Nenu Chircop.

1. Valletta sofrew l-ewwel telfa fil-kampjonat. Sliema Wdrs kienu diġà għelbu lill-Beltin fis-semi-final tal-Cassar Cup ġimgħa u nofs qabel.

2. Sliema Wdrs. FC għamlu xi tibdil mit-team li sebat ijiem qabel kien tilef il-Final tal-Cassar Cup kontra r-rivali Floriana FC bl-iskor kbir ta' 6-0. Il-goalkeeper Cosby żamm postu bejn il-lasti minkejja li wara is-6-0 xi partitarji Slimiżi kienu pprovaw iħebbu għalih, iżda kienu tħallew barra Ġulinu Muscat u l-aħwa Ġużi u Salvu Bonnici filwaqt li l-attakkant Joe Cini ġie rtirat fil-pożizzjoni antika tiegħu ta' centre-half. L-aħwa Bonnici baqgħu barra mit-team sa tmiem l-istaġun.

3. Minuta wara l-goal tad-draw Slimiż, fit-33 minuta, Josie Urpani ta' Valletta falla penalty meta x-xutt tiegħu mar barra. Il-Beltin kienu diġà fallew penalty ieħor għaxart ijiem qabel kontra l-istess Sliema Wdrs. fis-semi-final tal-Cassar Cup meta dak in-nhar kien id-difensur Joe Cilia li falla mill-11-il metru.

4. Kien hemm tfiegħ kontinwu ta' ġebel mis-side tal-Belt fid-direzzjoni tal-linesman. Dan il-każ kien tressaq quddiem il-Kunsill tal-MFA, tad-9 ta' Marzu 1961.

5. Minbarra l-attakkant Frankie Zammit li ma kienx qed jinżel għat-training, Valletta kellhom nieqes ukoll lil Nenu MacKay li tħalla barra mit-team b'deċiżjoni tal-Kumitat (disa' voti kontra tlieta skond il-ġurnal 'Il-Helsien'). MacKay baqa' barra sa tmiem l-istaġun iżda l-MFA f'Mejju xorta waħda kienet għażlitu biex jilgħab mat-team Malti f'partita ta' ħbiberija kontra Manchester United fl-Istadium. Valletta kienu pprotestaw mal-MFA fuq din l-għażla. MacKay ma lagħabx iktar ma' Valletta fejn mill-istaġun ta' wara sieħeb lil Floriana.

6. Il-partita bdiet fit-3.15 p.m – kwarta aktar tard mis-soltu.

**25-02-1961**
**Floriana FC – Hibernians FC 1-0**
**H.T 1-0 Att: 6,936**
**Skorja: L. Borg (F) 41'.**
**Referee: James Sawyer**

Ir-riżultat ġie annullat u l-partita ngħatat bħala replay wara protest minn Hibernians FC

Floriana FC: Ġużi Alamango, Jimmy Farrugia, Pullu Mousú, Żarenu Alamango, Lino Farrugia, Freddie Vella James, Twanny Sultana (Freddie 'Is-Sir' Cauchi 76'), Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

Hibernians FC: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Edward Azzopardi (Charlie 'Il-Kinnie' Schembri 46'), Andrew Ellul, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Henry Vella, Jimmy Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Hibernians kellhom nieqes lil Victor Cassar 'Il-Palun' li kien imweġġa' iżda kellhom lura fit-team lil Ċikku Xuereb 'In-Nagħġa' li kien nieqes fl-aħħar ħarġa. Id-difensur tagħhom Johnnie Privitera beda l-partita bħala attakkant iżda l-esperiment ma rnexxiex u wara l-mistrieħ niżel fil-pożizzjoni naturali tiegħu ta' difensur, bis-sostitut Charlie Schembri jidħol f'nofs l-attakk Pawlista.

2. Floriana kellhom problema ta' goalkeeper meta Nenu Fabri kien jinsab l-isptar, Victor Scerri rrifjuta li jilgħab filwaqt li t-tentattiv tagħhom biex jakkwistaw lill-goalkeeper ta' Żejtun Corinthians u ex-Valletta FC Johnnie Formosa falla. Fil-fatt fir-rebħa ta' 6-0 fuq Sliema Wdrs. fil-Final tal-Cassar Cup ġimagħtejn qabel huma kienu lagħbu lill-attakkant Tony Cauchi bejn il-lasti. Minħabba f'hekk il-goalkeeper Ġużi Alamango rritorna bejn il-lasti ta' Floriana wara żmien twil. L-aħħar dehra tiegħu mal-Greens kienet fit-telfa ta' 2-0 ma' Sliema tad-19 ta' Jannar 1957, għalkemm fl-istaġun 1958-59 kien għamel xi logħbiet ma' Marsa.

3. B'din ir-rebħa Floriana kienu telgħu fl-ewwel post iżda r-riżultat kien ġie mħassar mill-MFA, f'April.

4. Fil-fatt Hibernians daħħlu protest kontra l-validitá tar-reġistrazzjoni tal-goalkeeper Ġużi Alamango. Il-Kunsill tal-MFA fit-13 ta' April 1961 kien fetaħ il-kampjonat beraħ meta kien iddeċieda li r-riżultat ta' din il-partita jitħassar u ssir replay ġimgħa wara (li rebħuha Hibernians). Il-Kunsill kien dam ħafna biex iddeċieda minħabba li r-rappreżentant ta' Floriana f'diversi seduti kien ikun indispost u l-każ kien jitħalla għal seduta oħra tal-Kunsill.

**26-02-1961**
**Ħamrun Sp. FC – St. George's FC 2-2**
**H.T 0-1 Att: 4,505**
**Skurjaw: L. Stivala (S) 24', S. Schembri (Ħ) 62', E. Mizzi (S) 70' u P. Buttigieg (Ħ) 80'.**
**Referee: Frans Grech**

Ħamrun Sp. FC: Lino Mizzi, Johnnie Fondacaro, Martin Attard, Joe Cutajar (Pawlu Mallia 59'), Carmelo 'In-Nene' Grech, Armando Drago, Pawlu Buttigieg, Salvinu Schembri, Freddie 'It-Tirjule' Borg (L. Brimmer 64'), Twanny 'Il-Ginger' Cassar, John Mifsud.

St. George's FC: Albert Borg, Leonard Mizzi, Freddie Sultana, Peppi Delceppo, George Curmi, Freddie Delia, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Freddie Demanuele, Joe Mizzi II (Karmenu Frendo 64').

1. Il-goalkeeper Lino Mizzi tal-Ispartans fl-istaġun ta' qabel kien jilgħab mar-Reserves ta' Valletta FC. Fil-fatt minħabba li Tommy Taylor kien għażla awtomatika bejn il-lasti ta' Valletta kien l-istess Mizzi li talab lill-club Belti biex jiġi trasferit. Id-debuttant l-ieħor tal-Ispartans Joe Cutajar kien akkwistat mingħand Valletta Knights.

2. 'Il-Ginger' Cassar kien ser jibqa' barra mil-logħba għal tliet ġimgħat wara li kiser idu f'din il-partita.

3. George Curmi rritorna fit-team ta' St. George's wara li għaddietlu s-sospensjoni ta' tliet xhur li kien irċieva wara li fl-ewwel partita tal-kampjonat kien ta daqqa ta' ras lir-referee Ritchie Casha.

4. Ir-referee Frans Grech kien qed jiddebutta fl-Ewwel Diviżjoni, għalkemm ġimagħtejn qabel kien ikkontrolla l-Final tal-Cassar Cup bejn Floriana u Sliema Wanderers (6-0).

5. Il-vena ta' goals li kien għaddej minnha Leli Stivala li f'temp ta' xahar poġġietu fil-quċċata tal-aqwa skorers b'disa' goals komplet għaddejja anke mal-Armata meta jumejn wara din il-partita skorja hat-trick fir-rebħa ta' 6-0 tal-Army kontra n-Navy Taljana.

*Floriana u Hibernians laqgħbu partita anqas*

**Klassifika:** Valletta FC 12-il pt.; Hibernians, Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 11-il pt., St. George's FC u St. Patrick FC 6 pti.; Marsa FC 3 pti.; Ħamrun Sp. FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** L. Stivala (St. George's FC) 9 goals; T. Cauchi (Floriana FC) 8 goals; F. Cauchi (Floriana FC); Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC) u F. Zammit (Valletta FC) 5 goals.

## Id-Disa' Ġurnata

**04-03-1961**
**St. George's FC – Floriana FC 3-2**
**H.T 2-1 Att: 3,312**
**Skurjaw: N. Mizzi (S) 27', B. Dalli (F) 31', N. Mizzi (S) 35', T. Cauchi (F) pen. 48' u N. Mizzi (S) 72'**
**Referee: Joseph Francis Xav. Galea**

**St. George's FC:** Pawlu Nappa (Pellicano 78'), Leonard Mizzi, Brincat, George Curmi, Freddie Sultana, Peppi Delceppo, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Pace (Joe Mizzi II 32'), Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Freddie Demanuele.

**Floriana FC:** Ġużi Alamango, Jimmy Farrugia, Fred Barry, Pullu Mousu', Lino Farrugia, Lolly Borg, Twanny Sultana, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Freddie 'Is-Sir' Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele

1. St. George's kienu qed jilagħbu mingħajr żewġ ex-players ta' Floriana, l-aqwa skorer tal-kampjonat Leli Stivala u l-goalkeeper Albert Borg li kien akkwistat riċentement. Min-naħa tagħhom, Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr Freddie Vella James, Żarenu Alamango u Lolly Debattista li kienu f'Ċipru mal-Armata.

2. Għan-nuqqas ta' Leli Stivala għamel tajjeb Nenu Mizzi li skorja hat-trick. Floriana pprotestaw fuq it-tielet goal ta' Mizzi minħabba li sostnew li l-player kien offside.

3. Fis-46 minuta, Pullu Mousú ta' Floriana falla penalty meta l-goalkeeper Nappa salva f'corner. Dan kien l-ewwel penalty kontra St. George's f'dan il-kampjonat u żewġ minuti biss wara wasal penalty ieħor kontra tagħhom li ġie skorjat minn Tony Cauchi.

4. Il-goalkeeper Pawlu Nappa kellu jinbidel fit-78 minuta wara li weġġa' meta salva xutt qawwi ta' Billy Dalli.

5. Floriana regghu laghbu b'Ġuzi Alamango bejn il-lasti minkejja li kien hemm protest ta' Hibernians pendenti fuq il-validitá tar-reġistrazzjoni tiegħu. Floriana kienu qalu li kellhom bil-miktub mingħand l-MFA li Alamango seta' jilgħab.

6. Din kienet ir-raba' logħba konsekuttiva għal St. George's li fiha baqgħu mhux megħluba.

7. Il-partita intlagħbet f'xita kontinwa li ġabet l-art kollha għadajjar bil-ballun ħafna drabi jeħel fl-ilma.

8. Floriana kienu qed isofru l-ewwel telfa fil-kampjonat għalkemm f'dan l-istaġun kienu tilfu kontra Valletta (3-1) fil-Final tax-Scicluna Cup fl-1 ta' Novembru 1960.

**05-03-1961**
**Hibernians FC – Marsa FC 5-0**
**H.T 2-0 Att: 1,177**
**Skurjaw: J. Mizzi (H) 30', F. Xuereb (H) 37', J. Mizzi (H) 60', H. Vella (H) 77' u V. Cassar (H) 87'.**
**Referee: Pawlu Bonnell**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Andrew Ellul, Joe 'Puskas' Muscat, Edward Azzopardi, Louis Theobald (Frans Peplow 71'), Henry Vella, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Jimmy Mizzi, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

**Marsa FC:** Salvu Alamango, Sammut, Renzo Coleiro, Żaren 'In-Najs' Formosa, Nenu Fabri, Norman Bell, Freddie Wilson, Alfred Vassallo, J. Azzopardi (Joe Borg 46'), Freddie Chircop (Twanny Curmi 46'), Charles Cassar.

1. Din il-partita ntlagħbet fil-ħin insolitu tal-Ħadd filgħodu minħabba li fl-istess jum wara nofs in-nhar fuq il-Fosos tal-Furjana kien hemm dimostrazzjoni tal-Fidi Kattolika organizzata mill-Knisja minħabba l-inkwiet li kien għaddej bejn il-Knisja u l-Partit Laburista. Id-dimostrazzjoni ta' Fidi għalqet b'diskors tal-Arċisqof Gonzi. Il-logħob l-ieħor tal-MFA tħassar kollu.

2. Il-ġurnali Il-Ħelsien u Leħen is-Sewwa, dawn attribwixxew l-ewwel goal ta' Hibernians bħala autogoal ta' Nenu Fabri. Fid-deskrizzjoni tal-goal il-ġurnal Il-Ħelsien jgħid li x-xutt ta' Jimmy Mizzi ħabat ma' Fabri u qarraq bil-goalkeeper Alamango. Il-ġurnali l-oħra taw il-goal lil Jimmy Mizzi.

3. Hibernians kienu qed jilagħbu mingħajr Sunny Anastasi li kien imsiefer mat-team tal-football tal-Armata f'Ċipru filwaqt li Marsa kellhom nieqes lil Mario Bonello u lil Ernie Glynn li t-tnejn kienu mweġġa'. Bonello u Glynn s'issa kienu dejjem preżenti fit-team ta' Marsa.

4. Minbarra l-ħames goals, Hibernians laqtu l-lasti sitt darbiet minn Jimmy Mizzi, Henry Vella iżda mir-rebound Ċikku Xuereb skorja t-tieni goal, Cassar laqat il-lasta, Vella il-lasta u ftit wara l-imnduda u Xuereb il-lasta lejn tmiem il-partita. Minkejja l-goals u l-blalen mal-lasta, il-ġurnali kollha qablu li l-goalkeeper Salvu Alamango kien l-aħjar player ta' Marsa.

**08-03-1961**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 2-0**
**H.T 1-0 Att: 3,276**
**Skurjaw: M. Azzopardi (V) 30' u P. Gauci (V) 85'.**
**Referee: Ritchie Casha**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Walter Bone, Joe Degiorgio, Pawlu 'Polly' Carbonaro, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**Ħamrun Sp. FC:** Jimmy Gatt, Johnnie Fondacaro, Martin Attard, Pawlu Mallia, Carmelo 'In-Nene' Grech, Armando Drago (Ġejtu Briffa 46'), Pawlu Buttigieg, Tony Muscat, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Freddie 'It-Tirjule' Borg (Pawlu Attard 26'), John 'Il-Bipu' Mifsud.

1. Il-partita kienet intlagħbet fost il-ġimgħa, l-Erbgħa, fit-3.30 p.m. Din kienet l-ewwel minn sensiela ta' erba' logħbiet li kellhom jintlagħbu f'nofs il-ġimgħa fejn kull team kien imissu logħba – eżatt bħas-sena ta' qabel. Din is-sena l-clubs gergru minn din id-deċiżjoni. Is-sena ta' qabel ir-raġuni kienet minħabba li l-kampjonat kien waqaf biex it-team Olimpiku Malti jilgħab kontra t-Tuneżija u l-Marokk. Iżda din is-sena ma kienx hemm raġuni u l-clubs ilmentaw meta antiċipaw nuqqas ta' attendenza u telf ta' flus.

2. Ħamrun Spartans kienu qed jilagħbu mingħajr il-player veteran tagħhom Salvinu Schembri u mingħajr Twanny Cassar 'Il-Ginger' li kien kiser idu, filwaqt li Valletta kienu mingħajr Nenu Chircop u Freddie Borg il-Waniż' li kien imweġġa'. Salvinu Schembri u Nenu Chircop kienu jinsabu f'Ċipru mal-Armata fejn suppost kellhom jaslu ġurnata qabel iżda ttardjaw u tilfu l-partita.

3. Ma' Valletta rritorna Frankie Zammit li rranġa d-differenzi li kellu mall-club.

**11-03-1961**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 1-0 Att: 3,574**
**Skurjaw: V. Cassar (Hibs) 33', J. Mizzi (Hibs) 58' u S. Schembri (Ħam) 61'**
**Referee: Ritchie Casha**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera (Edward Azzopardi 35'), Andrew Ellul, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Henry Vella, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Jimmy Mizzi, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

**Ħamrun Sp. FC:** Jimmy Gatt, John Bondin, Lino Sciberras, Johnnie Fondacaro, Martin Attard, Carmelo 'In-Nene' Grech, Pawlu Buttigieg, Tony Muscat, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Salvinu Schembri, John 'Il-Bipu' Mifsud.

1. Żewġ minuti qabel ħin il-mistrieħ Martin Attard falla penalty għal Ħamrun Spartans meta xxuttja għoli.

2. L-Ispartans kellhom lil Ġużi Dimech, Armando Drago u Twanny Cassar neqsin. Drago u Dimech ma reġgħux laqgħbu mal-Ispartans f'dan l-istaġun.

3. Il-partita bdiet fl-4.00 p.m minflok fit-3.30 p.m bħas-soltu.

*Ħamrun Spartans lagħbu partita aktar. Sliema Wdrs. FC, Floriana FC u St. Patrick FC lagħbu partita inqas.*

**Klassifika:** Hibernians FC 15-il pt.; Valletta FC 14-il pt.; Sliema Wdrs. FC u Floriana FC 11-il pt.; St. George's FC 8 pti.; St. Patrick FC 6 pti.; Marsa FC 3 pti.; Ħamrun Sp. FC 2 pti.

**L-Aqwa Skorers:** T. Cauchi (Floriana FC) u L. Stivala (St. George's FC) 9 goals; Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC),




EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2015

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mal-tweġiba tiegħek ikteb l-Isem, il-kunjom, l-indirizz u n- numru tat- telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 102

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 102 huwa:
**Aiden Farrugia - Siggiewi**





# Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 102

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | C | H | W | E | I | N | S | T | E | I | G | E | R |
| C | | A | | I | | A | | E | | A | | M | |
| H | A | N | O | V | E | R | | D | E | N | N | I | S |
| U | | T | | A | | | N | E | W | | | L | |
| L | A | U | D | R | U | P | | S | | A | L | I | A |
| T | | C | | | N | | A | C | E | | L | O | E |
| E | R | H | A | R | D | T | | O | R | I | O | | T |
| I | | O | V | | E | | A | | T | | R | | |
| S | E | V | E | | R | I | N | O | | R | E | B | O |
| | | A | | R | | | J | | P | | N | | X |
| B | A | | C | O | R | N | I | L | L | E | T | | L |
| A | B | U | I | N | | | T | | A | | E | V | A |
| | B | | N | | B | R | O | N | T | E | | | D |
| K | Y | L | I | E | | I | | | T | | C | O | E |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed jintrebħu tliet memberships ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2015:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

**Rebbieħ Ħarġa nru 102:**
John Grech - Swieqi

### MIMDUDIN

1. President attwali tal-UEFA, fil-preżent sospiż (6,7)
8. Thomas, skorer ta' kważi 100 goal għal Senglea Athletics (7)
9. Mestsky Sportovy Klub ....., klabb tal-Futbol Slovakk (6)
10. Ir-referi Paragwajan li keċċa lil Ray Wilkins fil-Fifa WC 1986 (3)
11. Fiona ..... Bonici, gowlkiper ta' Special Olympics Malta Futsal (5)
12. Juan Carlos, winger internazzjonali tal-Bolivja (4)
13. Jens, eks gowlkiper ta' Milan u Arsenal (7)
14. "Palio di .....", tellieqa taż-żwiemel li ddum biss xi 75 sekonda (5)
16. Żiemel Franċiż ta' 13-il sena (4)
19. u 31. Gatt, Direttur Tekniku tal-MFA (6)
20. Michel, referi Slovakk fil-Fifa WC 2006 (5)
21. Quintana, ċiklist Kolumbjan rebbieħ tal-Giro d'Italia 2014 (5)
22. André, attakkant ta' Swansea u tal-Ghana (4)
24. Michaels, eks plejer u referi Skoċċiża tas-Snooker u Pool (4)
25. Jordan, in-numru wieħed attwali tal-Golf (6)
27. Bulent, difensur Tork fil-Fifa WC 1954 (4)
29. Rober, left-back tat-Turkija fil-Fifa WC 1954 (5)
31. Ara 19 Mimdudin
32. Sebastian, attakkant Urugwajan fil-Fifa WC 2002 u 2010 (5)
34. "...... de Busset", żiemel Franċiż ta' 13-il sena (6)

### WEQFIN

1. Bethanie, tennista professjonali Amerikana (6,5)
2. Christopher, President tal-Malta Canoeing Racing Club (9)
3. "Virtus ......", klabb tal-Futbol tas-Serie 'B' (7)
4. Kaki de ........", ziemel Franciz ta' 17-il sena (9)
5. Marina, midalja tad-deheb fl-800m f'Beijing 2015 (10)
6. Mark, eks difensur ċentrali ta' Juventus u l-Italja (7)
7. Rodriguez, gowlkiper Messikan fil-Fifa WC 1986 (7)
15. Oberburger, weightlifter Taljan rebbieħ f'Los Angeles 1984 (8)
17. "Millennium ...", żiemel Svediż ta' 18-il sena (3)
18. Muscat, midfielder ta' klassi ta' Birkirkara FC u Malta (5)
22. Yuki, eks midfielder difensiv internazzjonali Ġappuniż (3)
23. Li sport 'favorit' ta' Timothy Portelli (5)
24. Didier, attakkant mill-Kamerun ta' Victoria Hotspurs FC (5)
26. Leander, wieħed mill-aqwa tennisti tad-Doubles (4)
28. Izzo, fl-ogħla quċċata fil-Waterpolo Malti attwali (4)
30. u 33. Conrad, tal-Malta Chen Taijiquan Association (4)
33. Ara 30 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information


PREMIER LEAGUE
OFFICIAL BEER
Carlsberg
BARCLAYS
PREMIER LEAGUE
OFFICIAL BEER OF PROBABLY THE BEST LEAGUE IN THE WORLD
Carlsberg
Probably the best beer in the world.
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts